Vol 41
Nru 208
April - Ġunju 2020

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2019

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Qabar ta' San Ġakbu
fil-Kattidral Armen ta'
Ġerusalemm*

# Werrej



6



16



21

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm

26




6 Il-Katidral Armen ta' San Ġakbu

16 Il-Ktieb tal-Għerf

21 It-Tvenvin tas-Silenzju li Jgħib (2)

26 Ħruq Doluż, Ester u Mordekaj u l-Festa tal-Purim

33 L-Ewwel Traċċi ta' Ministeri Ekkleżjali fl-Atti Tal-Appostli

41 Min Kienet il-Veronika?




33



## X'se Jiġri mill-Pellegrinaġġi?

Il-kriżi tal-COVID-19 ġabet magħha l-kanċellazzjoni tal-pellegrinaġġi kollha li kienu ppjanati lejn l-Art Imqaddsa matul dawn l-aħħar xahrejn. Qatt qabel ma assistejna għal sitwazzjoni bħal din, li fiha s-Santwarji tal-Fidwa kellhom prattikament jingħalqu, u spiċċaw vojta għal kollox. Dan wara snin li fihom in-numru ta' pellegrini fl-Art Imqaddsa kien dejjem tiela', hekk li laħaq iċ-ċifra ta' 4 miljuni u nofs fis-sena 2019. Min ilu jgħix fl-Art Imqaddsa għal bosta snin jgħid li lanqas f'mumenti ta' tensjoni u gwerer fir-reġjun ma rajna tnaqqis hekk drastiku ta' pellegrini.

Il-Ġimgħa Mqaddsa ġiet iċċelebrata f'Ġerusalemm b'numru limitatissimu ta' patrijiet Franġiskani fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. L-istess ġara fil-każ tal-Għid tal-Ortodossi meta, għall-ewwel darba, assistejna għaċ-ċerimonja tan-nar imqaddes ta' Sibt il-Għid bil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu li fiha kien hemm biss il-kleru Grieg Ortodoss u l-pulizija. L-insara lokali fl-Art Imqaddsa kellhom jassistu għaċ-ċelebrazzjonijiet mid-dar. Is-sitwazzjoni issa qed titjieb bil-mod, hekk li ġew permessi Quddies għal gruppi ta' mhux aktar minn 20 persuna (li se jitilgħu anke għal 50), imma fi spazji miftuħa.

Ħadd ma jaf kif se tispiċċa l-istorja tal-pellegrinaġġi. Naturalment l-assenza totali ta' pellegrini wasslet

*...editorjal*

*Il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu magħluqa*



għal diffikultajiet kbar. L-ekonomija ta' Israel u tal-Palestina tiddependi ħafna mit-turiżmu. L-ajruport ta' Ben Gurion hu magħluq u mhux maħsub li se jiftaħ qabel almenu nofs Ġunju, u titjiriet ikunu biss possibbli minn pajjiżi li jkunu kważi ħelsu mill-problema tal-pandemija. Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa qed taffaċċja sitwazzjoni li fiha ma hemmx iżjed dħul mill-pellegrini. Il-patrijiet li jgħixu fis-Santwarji u l-ħaddiema kollha marbutin mal-kura tas-Santwarji u d-Djar tal-Pellegrini, il-Case Nove, spiċċaw bla xogħol u bla introjti.

Naturalment hemm tama għall-ġejjieni. Nafu li din il-kriżi mhijiex se ddum għal żmien indeterminat. Minkejja dan, xorta għad fadal ħafna mistoqsijiet li għad ma għandhomx tweġiba. Meta jkunu jistgħu jirritornaw il-pellegrini? Fuq kollox, fi spazji hekk limitati u żgħar, bħalma huma s-Santwarji u t-toroq dojoq ta' Ġerusalemm, ikun possibbli li jkun hemm folol ta' pellegrini kif kien hemm sal-lum? Jekk wieħed iqis is-sitwazzjoni jkollu jammetti li, anke n-numri esaġerati ta' turisti u pellegrini, kienu diġà qed joħolqu problemi kbar fis-Santwarji, rigward l-ordni pubbliku, l-iġjene u l-ekwilibrju psikoloġiku ta' dawk li jieħdu ħsieb is-Santwarji. Mhux veru li kollox kien ward u żahar. Faċli li kont tisma' lil ħafna jiftaħru bin-numri kbar ta' viżitaturi. Imma dawn normalment kienu jew politiċi li riedu jkunu popolari, inkella aġenziji tal-ivvjaġġar, lukandi, kumpaniji tal-ajru u organiżmi simili fil-qasam tat-turiżmu, li kienu qed jaqilgħu l-eluf mill-influss tal-pellegrini. Min kien aktar intelliġenti u kellu f'moħħu l-kwalità tal-pellegrinaġġi u mhux il-kwantità, kien jgħidlek li hemm bżonn li ssir għażla intelliġenti. Ħadd ma ried jismagħhom, imma issa dawk li ma ridux jisimgħu sabu ruħhom fi kriżi li qatt ma immaġinawha... Kienu jibżgħu mill-gwerer fir-reġjun, imma fil-fatt dawn ma kinux għadhom perikolużi għat-turiżmu. Issa sabu ruħhom quddiem sitwazzjoni li qatt ma ħolmuha.

Aħna l-Patrijiet Franġiskani ma aħniex aġenziji tal-ivvjaġġar, għalkemm nagħmlu użu mill-ingranaġġ tal-industrija turistika biex inġibu l-pellegrini fl-Art Imqaddsa. Aħna

jimpurtana li l-pellegrini jkollhom esperjenza ta' kwalità, li fiha jikbru fil-fidi tagħhom. Il-kumplament irid ikun ukoll, imma ma jistax ikollu l-ewwel post. Issa aħna wkoll irridu naffaċċjaw sfida iebsa. Irridu nippjanaw aħjar kif se norganizzaw il-pellegrinaġġi f'kundizzjonijiet ċertament ġodda u li rridu nadattaw ruħna għalihom. U dan mhux biss fl-ewwel xhur meta jirritornaw il-pellegrini. Ikollna nammettu li d-dinja kollha se tinbidel. Ma nistgħux immorru lura għal kif konna qabel. U anke l-pellegrinaġġ ma jistax jibqa' bl-istruttura ta' esperjenza tal-massa kif kien sa issa.

Il-Kustodja tal-Art Imqaddsa diġà qed tistudja kif tkun tista' tkompli tilqa' l-pellegrini fis-Santwarji, imma bi kriterji ġodda. Irridu nistudjaw kif se nagħmlu użu intelliġenti mill-ispazji limitati ta' bosta Santwarji, kif se nqassmu l-orarji taż-żjarat tal-pellegrini b'tali mod li ma jiffullawx kollha fl-istess ħin f'Santwarju wieħed. Irridu nistudjaw kif inkunu fidili għal-liġijiet ċivili rigward l-iġjene tas-Santwarji u rigward il-ġestjoni tal-Case Nove għall-pellegrini, bl-istess mod li jridu jagħmlu l-lukandi u l-istabbilimenti kollha turistiċi f'Israel u l-Palestina. Dan kollu se jkun ifisser sfida kbira, imma li trid issir jekk irridu li l-pellegrini jirritornaw fl-Art Imqaddsa.


*L-ajruport ta' Ben Gurion vojt*

Hu importanti li nibqgħu nuru tama u nkunu pożittivi. Nafu u nemmnu li bosta se jkunu dawk li jridu jagħmlu l-pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa bħala esperjenza ta' fidi. Lil dawn ngħidulhom li din l-esperjenza se tkun possibbli. Forsi fi gruppi iżgħar u b'modalitajiet differenti, imma ċertament se tibqa' ssir. Fuq kollox, nistgħu nserrħu ras kulħadd li, minkejja li l-kriżi tal-pandemija ħakmet ukoll l-Art Imqaddsa, fejn jiġu miljuni ta' turisti minn kull naħa tad-dinja, imma fil-fatt l-impatt tagħha ma kienx daqshekk diżastruż. Għaldaqstant hemm tama li ż-żmien li fih l-Art Imqaddsa tkun post żgur li fih wieħed jivvjaġġa hu possibbli li mhux tant fil-bogħod.

Sadanittant nibqgħu nittamaw u naħdmu għal soluzzjonijiet intelliġenti. Din l-esperjenza għallmitna li forsi konna qed niġru żżejjed, u li dak li uħud kienu qed isostnu dwaru kien veru: ma nistgħux naqgħu vittma ta' min ried li t-turiżmu tal-massa jirrenja anke fl-Art Imqaddsa biex hekk iħaxxen il-bwiet ta' xi wħud li l-interessi tagħhom mhumiex li jġibu pellegrini li huma intenzjonati li jitolbu, imma turisti biex idawru r-rota ekonomika tal-pajjiż. Aħna l-Franġiskani għadna u nibqgħu hawn biex ninsistu li l-istil ta' pellegrinaġġ bħala esperjenza ta' fidi hu l-uniku triq li għandha futur fl-Art Imqaddsa



# IL-KATIDRAL ARMEN TA' SAN ĠAKBU

*Noel Muscat ofm*

**Tradott u adattat mill-volum ta' Denys Pringle,**
***The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem: A Corpus,***
**Volume 3, The City of Jerusalem,**
**Cambridge University Press, 2010, n. 319, pp. 168-182.**

Iż-żona tal-belt ta' Ġerusalemm li mill-Bieb ta' Ġaffa twasslek lejn il-Bieb ta' Sijon, taqsam il-Kwartier Armen, wieħed mill-erba' kwartieri ta' Ġerusalemm li jinkludu l-Kwartier Kristjan, il-Kwartier Musulman u l-Kwartier Lhudi. Hu l-iżgħar kwartier tal-belt il-qadima, imma hu mibni qisu fortizza. Il-parti kbira tiegħu hi meħuda mill-bini tal-Patrijarkat Armen Apostoliku ta' Ġerusalemm. Fl-aktar żona qaddisa ta' din il-binja fortizza nsibu l-Katidral Armen ta' San Ġakbu, sede tal-Patrijarka Armen Ortodoss ta' Ġerusalemm.

## San Ġakbu u t-tifkiriet tal-martirju tiegħu

L-Appostlu San Ġakbu, iben Żebedew u ħu Ġwanni l-Evanġelista, sofra l-martirju taħt is-sultan Erodi Agrippa, li qatagħlu rasu fl-Għid tas-sena 44 w.K. (Atti 12,1-3). Hu l-ewwel wieħed fost l-Appostli li sofra l-martirju. Għalkemm l-Iskrittura ma tgħidx eżattament fejn kien il-post tal-martirju, minn żmien il-qedem dan ġie assoċjat ma' Ġerusalemm. Fit-tieni nofs tas-seklu 6 il-Pellegrin ta' Piacenza kiteb li l-qabar ta' San Ġakbu jinsab fuq l-Għolja taż-Żebbuġ. Imma mill-bidu tas-seklu 7 twieldet it-tradizzjoni li Ġakbu kien mar jippriedka fi Spanja u li l-qabar tiegħu kien jinsab f'Marmarica, fit-Tripolitanja. Fis-sena 830, meta l-Afrika ta' fuq kienet waqgħet f'idejn il-Musulmani, il-qabar tiegħu beda jiġi meqjum fil-Galicia, fil-majjistral ta' Spanja, eżattament f'Santiago de Compostela, u mis-seklu 12 l-istorja tat-translazzjoni tar-relikwi tiegħu kienet popolari. L-*Historia Compostellana*, miktuba fl-1139, tgħid li l-fdalijiet ta' San Ġakbu inġarru lejn Compostela mid-dixxipli tiegħu, wara li ġismu kien imħolli mormi barra mill-ħitan ta' Ġerusalemm.

Fis-seklu 12 il-post tal-martirju ta' San Ġakbu f'Ġerusalemm kien assoċjat mal-Għolja ta' Sijon. Dan ġara x'aktarx għax xi postijiet oħrajn imsemmijin f'Atti 12, bħalma huma l-Ħabs ta' San Pietru u d-Dar ta' Ġwanni-Marku kienu wkoll jinsabu fl-istess żona tal-belt. Imma x'aktarx li dan il-post intagħżel għax fih kien hemm knisja dedikata lil San Menas, li r-rakkont tal-martirju tiegħu kien jixbah ħafna lil dak ta' San Ġakbu.

Fis-sena 444 in-nobbli Rumana Bassa kienet waqqfet *martyrium* jew knisja lil San Menas (martri fil-Friġja fis-sena 309), fejn


*Armeni Ortodossi jitolbu f'S. Ġakbu*

hi bniet ukoll monasteru ta' nisa li tiegħu saret abbadessa. Għalkemm din il-knisja antika ma għadhiex teżisti, it-tifkira tal-konsagrazzjoni tagħha għadha tinżamm fil-kappella ta' San Menas, li nbniet mill-Ġorġjani bejn l-1072 u l-1088 u li tinsab mal-ġenb tat-tramuntana tal-Katidral ta' San Ġakbu.

## L-Armeni u l-Katidral ta' San Ġakbu

F'April 1141, fl-era Kruċjata, l-*catholicos* tal-Armenja, Girgor III Pahlawuni, żar Ġerusalemm u ħa sehem f'sinodu fil-Knisja tal-Għolja ta' Sijon flimkien mal-Patrijarjka Latin Guglielmo I u l-legat papali Alberico, isqof ta' Ostia. Din iż-żjara x'aktarx kienet l-okkażjoni li fiha l-Armeni reġgħu bnew il-Katidral ta' San Ġakbu, li x'aktarx kien kważi lest meta r-Re Toros II ġie jżur lir-Re Amalrico f'Ġerusalemm fis-sena 1163.

L-ewwel deskrizzjoni dettaljata ta' din il-knisja jagħtihielna l-pellegrin Ġermaniż Johan von Würzburg madwar is-sena 1165: "F'dak l-istess post mhux bogħod (mill-monasteru ta' San Saba) hemm knisja ad unur ta' San Ġakbu l-Kbir, fejn l-irħieb Armeni għandhom ukoll sptar kbir biex jaqdu lill-foqra. Hemmhekk tinsab ir-ras tal-istess Appostlu u hi meqjuma ħafna: għax kien qatagħlu rasu Erodi, u d-dixxipli tiegħu ħadu ġismu lejn Galicia wara li għabbewh fuq ġifen f'Ġaffa, filwaqt li rasu baqgħet fil-Palestina. Il-pellegrini li jżuru l-knisja għadhom jistgħu jaraw din ir-ras."

Ftit wara, fl-1168, Saladin kien ħa l-Eġittu u l-patrijarka Armen ta' Lixandra flimkien mar-rħieb ħarbu lejn Ġerusalemm u ġabu magħhom xi 75 manuskritt bil-minjaturi. Pellegrin anonimu fl-1170 ħallat lill-Armeni ta' San Ġakbu u sejħilhom Ġakobiti, imma jinnota li flimkien mar-ras ta' San Ġakbu huma kienu jqimu wkoll id-driegħ ta' San Stiefnu. Xi pellegrini oħrajn kienu jidentifikaw il-knisja bħala l-post tal-martirju ta' San Ġakbu.

Wara l-waqgħa ta' Ġerusalemm f'idejn Saladin fl-1187, l-Armeni reġgħu ħadu pussess tal-Katidral ta' San Ġakbu. Huma għandhom *firman* li jiddefendi d-drittijiet tagħhom, u li suppost li kien tahulhom Saladin, għalkemm hemm dubji dwar l-awtentiċità tiegħu. Dan il-Katidral ġie wkoll konfermat lill-*catholicos* tal-Armeni mill-Papa Girgor IX f'Marzu 1239 (GOLUBOVICH, *Biblioteca*, II, 291). Il-Kronaka ta' Ernoul (c.1231) tirreferi għal din il-Knisja bħala *mostier monseigneur Saint Jake de Galisse*, u tagħtina deskrizzjoni dettaljata ta' dan il-post fuq il-lvant tat-triq li mit-Torri ta' David twassal għall-Għolja ta' Sijon. Ernoul jgħid ukoll li dan kien il-post tal-martirju ta' San Ġakbu. Fl-*Estoire d'Outremer* jgħid li kienu l-anġli li ġarrew il-ġisem ta' San Ġakbu minn hemm lejn il-Galicia.

## Il-Katidral ta' San Ġakbu fl-istorja wara l-era Kruċjata

F'ittra li l-patrijarka ta' Ġerusalemm, Robert de Nantes kiteb lill-Papa Innoċenz IV f'Settembru 1244, jiddeskrivi l-ħerba li għamlu t-Torok Khwariżmjani fil-belt ta' Ġerusalemm fil-11 ta' Lulju ta' dik is-sena. Meta ma setgħux jattakkaw l-Insara li kienu sabu kenn fil-knejjes u l-ospizji tagħhom, huma attakkaw il-Knisja ta' San Ġakbu, li kienet tal-Armeni li kienu joqogħdu fl-istess belt, u qatlu bix-xabla l-Armeni kollha li sabu hemm ġew, saċerdoti, kleru u lajċi.

Minkejja din il-qerda jidher li l-Knisja baqgħu jżuruha diversi pellegrini lejn tmiem is-seklu 13, bħal Burchard tal-Għolja ta' Sijon (c.1283). Il-pellegrin Dumnikan Ricoldo di Montecroce (1288-1291) jikteb li fil-Knisja hu kien ra irħama li fuqha kien hemm marki tad-demm, u li kienet tiġi indikata bħala l-post li fuqu lil San Ġakbu qatgħulu rasu. Tradizzjoni oħra ta' Marino Sanudo tgħid li l-anġli ġarrew ir-ras ta' San

Ġakbu minn Ġaffa, fejn hu jgħid li seħħ il-martirju, lejn Ġerusalemm.

Il-Ġorġjani għamlu bosta tentattivi fl-epoka tal-Mamelukki biex jieħdu pussess tal-Knisja. Jidher li l-Armeni rnexxielhom dejjem jirreżistulhom billi jappellaw lis-Sultan. Ċertu skriba Armen, Stepanos Erkayn, ikkopja Evanġeljarju fil-Knisja ta' San Ġakbu fl-1321. Il-pellegrini li kienu jiġu mill-Ewropa u mir-Russja lejn Ġerusalemm kollha jikkonfermaw li l-Knisja ta' San Ġakbu kienet uffiċjata mill-Armeni.

## San Ġakbu ż-Żgħir ukoll meqjum fil-Katidral

Kienu diversi l-pellegrini mis-sena 1340 'il quddiem li bdew jidentifikaw il-patrun tal-Katidral fil-persuna ta' San Ġakbu ż-Żgħir, wieħed mill-qraba ta' Ġesù u l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm, li miet martri fis-sena 63 meta waddbuh mill-pinnaklu tat-Tempju għal isfel. Jidher li din it-tradizzjoni tista' tkun vera, u li għalhekk fil-Katidral jiġu meqjuma ż-żewġ qaddisin li t-tradizzjoni tqishom bħala Appostli, jiġifieri San Ġakbu l-Kbir (festa tiegħu fil-25 ta' Lulju) u San Ġakbu ż-Żgħir (festa tiegħu fit-3 ta' Mejju). Fil-fatt l-Armeni jemmnu li taħt it-tron tal-Patrijarka fl-istess Katidral hemm il-qabar ta' San Ġakbu ż-Żgħir, l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm. X'aktarx li din it-tradizzjoni twieldet minn tradizzjoni antika li kienet tassoċja d-dar ta' San Ġakbu ż-Żgħir mal-Għolja ta' Sijon, u għalhekk kienet tqiegħed hawnhekk it-tron tal-isqof ta' Ġerusalemm. Hekk jixhdu kemm Egeria (384) kif ukoll Pietru d-Djaknu. Imma l-Kruċjati kienu

*Salib Armen fuq il-bieb tal-Kattidral ta' S. Ġakbu*




*Qabar ta' S. Ġakbu fil-Kattidral*

jqimu l-qabar ta' San Ġakbu ż-Żgħir fil-Wied tal-Kedron, imma mingħajr l-ebda bażi storika.

## Viżitaturi oħrajn fl-istorja tal-Katidral ta' San Ġakbu

Ftit wara l-1340 il-Franġiskan Nicolò di Poggibonsi daħal jara l-monasteru minn bieb żgħir u jiddeskrivi l-binja: "Ġewwa hemm monasteru kbir u sabiħ, u knisja mill-isbaħ li għandha żewġ bibien żgħar, u fid-daħla tagħha hemm ġiebja. F'nofs il-ħajt (tat-tramuntana) tal-knisja hemm kappella żgħira, li fiha altar sabiħ. Taħt l-altar hemm irħama ta' lewn aħmar li fiha toqba tonda, wiesgħa erba' swaba' u fonda daqs palma tal-id. Fuqha ġiet maqtugħa ras San Ġakbu; hemmhekk, b'miraklu divin, l-għada instab fil-Galicia flimkien ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu. Hemmhekk dejjem hemm mixgħulin tliet lampieri."

Wara l-waqgħa tar-renju Armen taċ-Ċiliċja f'idejn il-Mamelukki fl-1374-75, ir-Reġina Mariun, il-mara tar-Re Levon V, daħlet soru tal-klawsura f'San Ġakbu sa ma mietet fl-1377, u ndifnet hemmhekk ukoll.

John Poloner jagħtina deskrizzjoni oħra tal-knisja fil-bidu tas-seklu 15: "Il-knisja (tal-Armeni) hi għamla ta' rotunda, u għandha ħitan u volti tas-saqaf qawwijin ħafna. Fiċ-ċentru għandha erba' kolonni kwadri. Ma għandhiex twieqi, ħlief waħda tonda bil-ħġieġ fil-quċċata, imma fiha aktar minn 300 lampier. Meta kont hemm jien kien hemm madwar 120 lampier mixgħul f'dik il-knisja, kollha f'linfa waħda, hekk li jien qatt ma kont rajt jew smajt b'devozzjoni bħal dik. Lejn ix-xellug tad-daħla juruk il-post li fih San Ġakbu l-Kbir qatgħulu rasu, u dan jinsab madwar 222 pass mill-post li fih ħuh Ġwanni kien jiċċelebra l-quddiesa."

Il-pellegrin Felix Faber jiddeskrivi l-knisja u l-koppla tagħha wara l-1480: "Din il-knisja hi kbira u għolja, hekk li tisboq kull knisja oħra f'Ġerusalemm, għax l-ewwel ħaġa li wieħed jilmaħ hi l-koppla ta' din il-knisja. Ma għandhiex twieqi, imma d-dawl jidħol minn fetħa żgħira fil-quċċata u jimla l-knisja. Hemm diversi kappelli mal-ġnub tagħha, li llum huma mġarrfin u desekrati. Fil-knisja hemm imdendlin ħafna lampieri u fin-nofs hemm madwar mija u għoxrin lampier f'linfa waħda."

Felix, flimkien ma' Grethenios (c.1400) isemmi wkoll żewġ ġebliet tondi li l-anġli kienu ġabu mis-Sinaj lill-Verġni Marija. Fis-seklu 17 jissemmew ukoll ġebel oħrajn mill-postijiet tal-Magħmudija u tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù.

F'Marzu 1517 is-sultan Ottoman Selim I ħareġ

*firman* li fih ikkonferma l-pussess tal-Knisja ta' San Ġakbu lill-patrijarka Armen, Sargis. Imma fl-istess żmien ħareġ *firman* ieħor mogħti lill-patrijarka Grieg Ortodoss, li kkonfermalu l-monasteru ta' San Ġakbu, iben Żebedew, li kien tal-Ġorġjani. X'aktarx li dawn il-*firmani* ma jirreferux għal monasteri differenti, imma għall-istess Knisja u monasteru ta' San Ġakbu, għax nafu li kien hemm kontroversja bejn il-Griegi u l-Armeni wkoll fil-każ tal-monasteru ta' San Salvatur, jew Ħabs ta' Kristu (fuq l-Għolja ta' Sijon), u tal-Knisja tal-Arkanġli Qaddisa, jew id-Dar ta' Anna (ukoll fuq l-Għolja ta' Sijon). Dawn il-knejjes sal-lum jagħmlu parti mill-kumpless arkitettoniku ta' San Ġakbu u huma f'idejn l-Armeni. Mhux biss, imma almenu sal-1512 anke l-Ġorġjani kienu jridu drittijiet ta' pussess fuq il-Katidral ta' San Ġakbu, u l-Griegi baqgħu isostnu d-drittijiet tagħhom għal diversi sekli. Bonfacio di Ragusa, Kustodju tal-Art Imqaddsa f'nofs is-seklu 16, jgħid li l-Armeni kienu jagħtu permess lil-Latini (Franġiskani) biex jiċċelebraw il-festa tal-Martirju ta' San Ġakbu fil-Katidral tagħhom.

Fil-bidu tas-seklu 17 Bernardino Amico għamel pjanta tal-Katidral li fiha jgħid li "l-Knisja ma tirċevix


*Koppla tal-Kattidral ta' S. Ġakbu minn ġewwa*

dawl jekk mhux mill-fetħa fil-koppla, li għandha djametru ta' madwar 12-il palma tal-id, u li fiha tieqa tal-ħadid; kieku mhux għax tidħol minnha x-xita wieħed jgħid li kien fiha ħġieġ ordinarju."

Francesco Quaresmi qabbel il-fetħa fil-koppla mal-*oculus* tal-koppla tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, u jinnota li l-kjostru quddiem il-Knisja kien jintuża bħala suq.

Matul is-seklu 17 saru diversi xogħlijiet ta' restawr fil-Katidral. Bejn l-1633 u l-1666 in-narteċi tan-naħa tan-nofsinhar ġiet magħluqa b'ħajt biex saret il-kappella ta' Etchmiadzin. Fl-1648 sar paviment tal-mużajk fil-presbiterju. It-tron patrijarkali ta' San Ġakbu ż-Żgħir, li fih skrizzjoni tal-1661, ingħata lill-Katidral fl-1680.

Minħabba tilwima mal-Griegi Ortodossi fuq il-pussess tal-Katidral, it-Torok Ottomani għalqu din il-Knisja bejn l-1656 u l-1659. Il-kwestjoni bejn iż-żewġ Knejjes sabet soluzzjoni biss fl-1813, meta s-Sultan Maħmud II iddefenda d-dritt tal-pussess tal-Armeni kontra dak tal-Griegi.

Meta kien patrijarka Girgor tal-Ktajjen (1715-1749) saru xogħlijiet intensivi ta' restawr fil-Knisja u fil-monasteru. Inbnew kmamar għall-pellegrini, inbena l-altar tas-Salib Imqaddes u tkabbret is-sagristija. Bil-permess ta' *firman* li


Kwartier Armen u Koppla tal-Kattidral ta' S. Ġakbu

jġib id-data 1727, il-Knisja tbajdet minn ġewwa u l-ħitan inksew bil-madum dekorattiv taċ-ċeramika li nħadem Kütahya. Fl-1721 l-ornamenti u l-pannelli tal-injam tal-Knisja ġew indurati. Il-bieb li jagħti fil-kappella tal-qtugħ tar-ras ta' San Ġakbu jġib id-data 1731, il-bieb tal-kappella ta' Etchmiadzin dik tal-1733, id-dar tal-kappella ta' San Makarju nħadem fl-1738 u dak tal-qabar tal-istess qaddis (li kien isqof ta' Aelia Capitolina, jew Ġerusalemm, fi żmien l-editt ta' Kostantinu fis-sena 313 u ħa sehem fil-Konċilju ta' Nicea fis-sena 325) sar fl-1751. Patri Elzearju Horn iddokumenta pitturi u paviment dekorattiv li saru bejn l-1726 u l-1730. Hu jgħid li l-fetħa tal-koppla kienet għadha mhix mgħottija, u fix-xitwa kienu jagħlquha bi drapp imxarrab fix-xema likwida biex hekk iżommu barra l-ilma tax-xita.

Hemm iskrizzjoni li tfakkar xi tiswijiet li saru fil-koppla fl-1812. Saru tiswijiet oħrajn wara t-terremot li nħass f'Ġerusalemm fit-23 ta' Mejju 1834. Ir-raħeb Grieg Neophytos ta' Ċipru jiddeskrivi t-tiswijiet li saru minn diversi komunitajiet fil-knejjes tagħhom: "Imma l-Armeni għaddew lill-Latini u lill-Griegi fil-bini. Huma bnew fuq pedamenti sodi narteċi ġdida fil-knisja ta' San Ġakbu u għaqqduha mal-Knisja; bnew ukoll gallerija għan-nisa. Il-knisja b'hekk ġiet imkabbra sew. Il-koppla tal-Knisja kienet qabel miftuħa u mgħottija bil-ħġieġ, imma issa huma għalquha bil-ġebel. It-twieqi tal-koppla kienu qabel magħluqin, kif kienu dawk tal-Katholikon (fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu) u dawn issa ġew miftuħa. Huma bajdu l-knisja u żejnuha b'pitturi ġodda."

Il-gallerija tan-nisa nbniet fuq in-narteċi ġdida fuq in-naħa tal-punent tal-Knisja, billi tneħħiet il-parti għolja tal-ħajt tal-punent biex wieħed ikun jista' jara tajjeb in-navata isfel.

## Deskrizzjoni tal-Katidral ta' San Ġakbu

Il-Katidral ta' San Ġakbu jinsab nofs triq bejn it-Torri ta' David u l-Għolja ta' Sijon, fil-qalba tal-Kwartier Armen. Il-Knisja tikkonsisti f'binja ta' tliet navati u koppla, b'narteċi fuq in-nofsinhar li llum hi magħluqa b'ħajt u narteċi

oħra u gallerija fuq il-punent, fil-faċċata. Fuq it-tramuntana hemm żewġ kappelli oħrajn, dik ta' San Menas u dik ta' San Stiefnu, li sservi bħala sagristija.

L-eqdem parti tal-kumpless hi l-kappella ta' San Menas, li dejjem kienet tinsab fuq it-tramuntana tal-knisja, ukoll ta' dik li kien hemm qabel il-binja li naraw illum. Hi kappella żgħira u għandha żewġ absidi, li fihom antikament kien hemm altari dedikati lil San Menas u lil San Zakkarija. Fuq din il-kappella hemm kappella oħra dedikata lill-Appostli mqaddsa. Għalkemm il-binja rat ħafna tibdil matul is-sekli, l-arkitettura ġenerali tagħha tmur lura għas-sekli 5-6. Il-kappella ta' fuq inbniet wara l-knisja medjevali.

Il-fatt li l-Katidral mhux eżattament proporzjonat u għandu xi irregolaritajiet juri li l-bennejja tas-seklu 12 ippruvaw jinkorporaw xi elementi li kienu għadhom preżenti mill-Knisja ta' żmien il-Ġorġjani, li kienet ta' għamla pjuttost simili, u li kienet inbniet fis-seklu 11. L-aktar irregolarità evidenti hi l-fatt li l-ħajt tat-tramuntana jispiċċa xi 1.2 metri aktar wiesa' fuq il-punent milli fuq il-lvant, jiġifieri jagħlaq kemmxejn aktar ma jersaq lejn l-abside.

Meta tlestiet fis-seklu 12 il-Knisja Katidrali kienet tikkonsisti f'bażilika bi tliet navati u tliet absidi, b'koppla fiċ-ċentru. It-tul tal-Knisja hu ta' 28 metru mil-lvant għall-punent u 18-20 metru mit-tramuntana għan-nofsinhar (imma bl-esklużjoni tan-narteċi li hi l-kappella ta' Etchmiadzin).

Is-soqfa tal-Katidral huma magħmulin mill-volti li jistrieħu fuq erba' pilastri, li huma kollha miksijin bil-pannelli taċ-ċeramika. Il-kapitelli tagħhom huma ta' stil Korinzu.

Il-bajja ċentrali tal-Katidral hi magħmula minn spazju ta' 6.40 metri (6.47 metri fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar) li hi nkurunata b'koppla. Il-parti ta' isfel tal-koppla hi ffurmata minn sitt sezzjonijiet li jiltaqgħu flimkien f'forma ta' stilla b'sitt ponot. Fit-tambur hemm xi twieqi. Fuq l-istilla hemm koppla iżgħar fuq livell ogħla. Din il-koppla żdiedet fl-1830 għax qabilha l-ispazju li kien hemm kien imħolli vojt. Xi studji fuq din il-koppla stramba bi stilla b'sitt ponot urew li hemm strutturi simili fil-knisja Armena ta' Haghpat u fil-monasteru ta' Khorakert. Imma x'aktarx li l-aktar struttura simili tinsab fil-binjiet tal-Andalusia fis-seklu 10, bħalma hi l-koppla li hemm quddiem il-*miħrab* (niċċa tat-talb Musulmana) fil-moskea kbira (illum Katidral) ta' Cordova.

Fuq il-livell superjuri nsibu żewġ kappelli fuq iż-żewġ absidi laterali. Il-kappella fuq l-abside tan-nofsinhar hi dedikata lil San Pawl, filwaqt li dik fuq l-abside tat-tramuntana hi dedikata lil San Pietru. X'aktarx li dawn il-kappelli nbnew fis-sekli 13 jew 14, għalkemm hemm iskrizzjoni fuq il-kappella ta' San Pawl li ġġib id-data 1356.

Antikament il-bieb prinċipali tal-Katidral kien jinsab mhux fuq ix-xaqliba tal-punent, imma fuq dik tan-nofsinhar, u għadu jidher fil-bieb tan-narteċi ta' Etchmiadzin. Dan il-bieb hu tassew ġojjell ta' arkitettura u fit-timpanu tiegħu hemm rappreżentazzjoni tal-Verġni Marija. In-narteċi tan-nofsinhar, li kif għidna hi llum magħluqa wara ħajt li jifridha mill-Katidral, tidher li saret kontemporanjament mal-Knisja tas-seklu 12. Għandha erba' taqsimiet bil-volta, li jikkorrispondu għat-tul tal-Katidral li hemm maġenbha. Jidher li qabel ma l-arkati nghalqu biex joħolqu dik li llum hi l-kappella ta' Etchmiadzin tas-seklu 17, din in-narteċi kellha altar fuq ix-xaqliba tal-lvant. Din iż-żona tal-Katidral tintuża għall-magħmudijiet. Fir-rokna tal-grigal hemm fonti tal-magħmudija, u altar fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar li fih relikwi ta' ġebel mill-Muntanja Tabor, mis-Sinaj, mix-Xmara Ġordan, u mill-Qabar ta' Kristu, kif kienu ġa innutaw il-pellegrini fis-sekli mgħoddija.

Malli tidħol fil-Katidral, mal-ħajt tax-xellug



*Daħla tal-Kattidral ta' S. Ġakbu*

tiegħek, li jikkorrispondi għat-tramuntana, tara żewġ daħliet. L-ewwel daħla hi l-qabar ta' San Makarju, Isqof ta' Ġerusalemm (312-335), li hu marbut mal-istorja tal-editt ta' Kostantinu, mal-Konċilju ta' Nicea, u mas-sejbien tar-relikwi tas-Salib permezz ta' Elena, omm Kostantinu, li mbagħad bniet il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu (326). It-tieni daħla fiha l-kappella li tfakkar il-martirju ta' San Ġakbu l-Kbir.

## L-identità ta' San Ġakbu l-Kbir u San Ġakbu ż-Żgħir

Billi għidna li f'dan il-Katidral jiġu meqjuma kemm San Ġakbu l-Kbir kif ukoll San Ġakbu ż-Żgħir, l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm, tajjeb li nikkonkludu billi ngħidu xi ħaġa dwar l-identità ta' dawn iż-żewġ persunaġġi li l-Knisja tqimhom bħala membri tal-kulleġġ tat-tnax-il Appostli ta' Ġesù.

Fit-TĠ hemm diversi persunaġġi li jġibu l-isem Ġakbu. L-ewwel wieħed hu Ġakbu, bin Żebedew, Appostlu, ħu Ġwanni l-Appostlu (Mt 10,2; Mk 3,17; Lq 6,14), magħruf ukoll bħala "Ġakbu l-Kbir", li r-re Erodi Agrippa I tah il-martirju qrib is-sena 44. It-tieni wieħed hu Ġakbu bin Alfew, Appostlu (Mt 10,3; Mk 3,18; Lq 6,15; Atti 1,13). It-tielet hu Ġakbu, ħu l-Mulej (Mt 13,55; Mk 6,3; Gal 1,19). Dan jiġi identifikat ukoll ma' Ġakbu li jissemma f'Galatin 2,2; 2,9; Atti 12,17; 15,13ss; 21,18, u 1Kor 15,7. Hemm imbagħad Ġakbu, bin Marija u ħu Ġużeppi jew Ġosè (Mk 15,40), fejn hu msejjaħ ukoll Ġakbu ż-Żgħir (Mt 27,56). X'aktarx li hu iben Kleofa (Ġw 19,25) fejn Marija ta' Kleofa tista' tiġi tradotta "Marija mart Kleofa", billi n-nisa miżżewġin ġie li jiġu identifikati biż-żjieda ta' isem żwieġhom. Fl-aħħarnett insibu lil Ġakbu, ħu Ġuda (Ġuda 1,1). Bosta kummentaturi Kattoliċi jidentifikaw lil Ġuda ma' "Ġuda ta' Ġakbu", jew "Ġuda ħu Ġakbu" (Lq 6,16; Atti 1,13), imsejjaħ hekk għax ħuh Ġakbu kien magħruf aktar fil-Knisja tal-bidu.

L-identità tal-Appostlu Ġakbu bin Alfew u Ġakbu ħu l-Mulej, u l-ewwel isqof tal-Knisja ta' Ġerusalemm (Atti 15,21), għalkemm hi kontestata minn bosta studjużi, hi probabbli. Fit-tradizzjoni Kattolika din l-identità hi meqjusa bħala

ċerta, l-aktar fuq il-bażi ta' Gal 1,19: "Mill-appostli l-oħra ma rajt lil ħadd; iżda rajt lil Ġakbu, ħu l-Mulej." Anke Ġakbu ħu Ġuda nistgħu nidentifikawh ma' Ġakbu ħu l-Mulej u l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm.

Għalkemm ma nistgħux ikollna evidenza ċerta dwar l-identità ta' Ġakbu bin Alfew, Ġakbu ħu l-Mulej, u Ġakbu iben Marija ta' Kleofa, l-opinjoni komuni hi li dan hu l-istess persuna li fit-TĠ tiġi deskritta bi tliet modi differenti. Nistgħu nsostnu li l-Appostlu Ġakbu, bin Alfew, hu l-istess persuna ta' Ġakbu ħu l-Mulej, u kien ukoll l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm imsemmi fl-Atti tal-Appostli u magħruf bħala Ġakbu ż-Żgħir.

B'hekk il-Katidral ta' San Ġakbu tal-Armeni f'Ġerusalemm hu santwarju marbut kemm ma' San Ġakbu l-Kbir, li ġie martirizzat f'Ġerusalemm fis-sena 44 u li l-martirju tiegħu jiġi mfakkar proprju f'dan il-post, kif ukoll ma' San Ġakbu ż-Żgħir, l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm, martirizzat hu wkoll fil-belt qaddisa fis-sena 62, li l-qabar tiegħu hu meqjum fl-istess Katidral taħt it-tron tal-Patrijarka tal-Knisja Armena Apostolika Ortodossa.

Il-Katidral ta' San Ġakbu ma tantx ikun miftuħ għall-viżitaturi u pellegrini, billi jinsab ġewwa l-kumpless tal-Patrijarkat Armen. Imma kuljum jinfetaħ għal ftit ħin, għat-3 ta' wara nofsinhar, meta l-monaċi Armeni jiċċelebraw il-Vespri, kif ukoll f'xi okkażżjonijiet oħra solenni matul is-sena. Wieħed jibqa' impressjonat b'din il-Knisja li tfakkrek fl-istil tal-Kruċjati imma li sal-lum il-ġurnata ma hix imdawla b'dawl elettriku, imma b'mijiet ta' lampieri li jagħtu atmosfera tassew rakkolta u qaddisa lil dan il-Katidral li jfakkar żewġ appostli li ħajjithom intrabtet b'mod intimu mal-preżenza tal-ewwel Kristjani fil-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm.



# IL-KTIEB TAL-GĦERF

*Fr Charles Buttigieg*

***"Mulej, ibgħat il-għerf mis-smewwiet imqaddsa, ibagħtu mit-tron glorjuż tiegħek, biex jieqaf miegħi fit-tħabrik tiegħi, ħa nkun naf sewwa x'inhu li jogħġob lilek" (Għerf 9:10)***

## L-Awtur

Dan il-ktieb importanti msemmi 'il-Ktieb tal-Għerf' huwa attribwit lil Salamun, bin Batseba li saltan wara missieru David mis-sena 970 sal-931 Q.K., għaliex Salamun kien magħruf għall-għerf tiegħu fil-ħakma tiegħu kif naraw fil-ġudizzju taż-żewġ ommijiet (ara 1 Slat3:16-28). Il-ktieb huwa tardiv u miktub ġewwa Alessandrija belt importanti tal-għerf u tal-filosofija. Skont il-Biblista Luca Mazzinghi tal-Istitut Bibliku ta' Ruma u tal-Istitut Teoloġiku ta' Firenze jpoġġi l-kitba tal-ktieb wara s-sena 30 Q.K. Għalhekk huwa meqjus bħala l-aħħar kitba tal-Antik Testment u għalhekk pont bejn iż-żewġ testmenti. Il-kelma Ebrajka għal għerf hija 'hokmah' li hija kelma femminili. Interessanti li fil-Malti l-kelma 'Għerf' hija fil-maskil u għalhekk b'riferiment għal Kristu. L-awtur kien Lhudi minn Lixandra u kien jaf il-Lhudi u l-Grieg ukoll u kellu tagħrif tal-filosofija Griega li nfirxet sew fl-elleniżmu (bil-Grieg: hellas tfisser 'Greċja'). Il-kotba l-oħra tal-għerf (jew sapjenzjali) li nsibu fil-bibbja fl-Antik Testemnt huma Ġob, Salmi, Proverbji, Qoħelet, l-Għanja tal-Għanjiet, u Bin Sira. B'kollox huma seba' li huwa n-numru perfett tal-għerf. Bħal ħafna kotba tal-għerf huwa miktub fil-forma letterarja tal-poeżija Ebrajka. Esponenti bibliċi dwar l-istudju ta' dan il-ktieb insibu lil L. Alonso Schokel, F. Zorell, R. Cornely, J.M. Reese, M. Gilbert, M. Priotto u L. Mazzinghi.

## Il-Kontenut tal-Ktieb

Fil-ktieb naraw tliet taqsimiet u fih 19-il kapitlu. L-ewwel taqsima minn kapitli 1 sa 5 turi kemm hu







ahjar il-bniedem li jqim il-għerf ta' Alla. Fit-tieni taqsima minn kapitli 6 sa 9 naraw it-tifħir lil għerf u naraw il-figura ta' Salamun, l-għaref tal-għorrief ta' Israel: "għax huwa kollox jaf u kollox jifhem, f'kull ma nagħmel imexxini bil-għaqal, u bil-glorja tiegħu jħarisni" (Għerf 9:11). Fit-tielet taqsima minn kapitli 10 sa 19 naraw l-għeġubijiet li wettaq l-għerf fl-istorja tal-patrijarki u ta' Israel b'riferenza partikolari għall-eżodu tal-poplu ta' Alla mill-madmad tal-Eġittu. Il-ġust bl-għerf jasal għall-ħajja eterna.

## Il-Messaġġ

Il-Ktieb irid jgħallem speċjalment liż-żgħażagħ ta' Lixandra dwar id-destin tal-bniedem, il-ħajja, il-mewt, il-premju, il-kastig, l-għerf, il-ħolqien, l-istorja u dwar Alla. L-awtur irid juri l-importanza tal-għerf ta' Alla fil-ħajja tal-bniedem lil dawk il-Lhud li kienu imferrxa u 'l bogħod mill-Art Imwiegħda. L-Għerf huwa ppreżentat bħala persuna f'Alla. (Għerf 10:1). L-Għerf hu ma' Alla, ħdejn it-tron tiegħu (9,4-9). Naraw ukoll l-għerf identifikat ma' l-ispirtu qaddis ta' Alla (1:5; 7:9-11 u 9:17). Fil-kapitlu 7, 22-30 naraw lista sħiħa ta' 21 kwalità li jgħoddu għall-Ispirtu s-Santu u għall-ħidma tiegħu fil-bniedem. Il-Protestanti jħarsu lejn dan il-ktieb bħala mhux kanoniku u għalhekk ipoġġuh mal-apokrifi. Naraw fuq kollox l-importanza tal-għerf fil-missirijiet tal-istroja ta' Israel. Għalhekk il-bniedem għandu jadura dejjem lil Alla u mhux lill-idoli. Dan hu l-veru għerf.

## Bibliografija


Bellia, G., "Il libro della Sapienza", in *Parole di vita* 5 (set/ott 2003) 1-5.

Conti, M., "L'umanesimo ateo nel libro della Sapienza", in *Antonianum* 49 (1974) 423-447.

Gilbert, M., *La sapienza di Salamone*, Roma 1995.



M. Gilbert, *Les cinq livres des Sages*, Paris 2003.

Horbury, W., "The Wisdom of Solomon", in *The Apocrypha*, ed. Martin Goodman, John Barton and John Muddiman, Oxford 2012, 45-67.

Mazzinghi, L., *La Sapienza. Tra Antico e Nuovo Testamento*, La Bibbia nella nostre mani 12, Torino 1998.

Reese, J.M., *Hellenistic influence on the Book of Wisdom and its consequences*, AnBib 41, Roma 1970.

Schenker, A., *Il libro della Sapienza*, Roma 1996.

Sisti, A., *Il libro della Sapienza*, Assisi 1992.

Vilchez Lindez, J., *Sapienza*, Roma 1990.



# IT-TVENVIN TAS - SILENZJU LI JGĦIB (2)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Martin Buber jittraduċi l-espressjoni "U wara t-theżżiża kien hemm in-nar, imma l-Mulej ma kienx fin-nar. Wara n-nar inħasset żiffa ħelwa" (1 Slat 19,12) hekk: It-tvenvin tas-silenzju li jgħib. L-awtur tal-Ktieb ta' Ben Sirak ukoll jiddedika ħdax-il-vers dwar Elija, iżda jsemmi wkoll il-Ħoreb u s-Sinaj (Sir 48,1-11) bit-tifsiriet marbuta kollha magħhom.

## Elija fil-għar

Nidħlu ma' Elija fil-għar biex ngħaddu l-lejl hemm. Huwa kien għadu ma jafx'se jiġri. Imma dan kien jafu l-Mulej u li rripeta l-istess ġest li sar ma Mosè. Il-għar ifakkar fix-xquq tal-blat li jitkellem minnhom l-Eżodu. "U l-Mulej qal lil Mosè: Ara, hawn post ħdejja, fejn tista' toqgħod fuq il-blata. U hija u għaddejja l-glorja tiegħi, nqiegħed f'xaqq il-blata, u ngħattik b'idi sakemm ngħaddi" (Eż 33,21-22).

Minħabba din il-kundizzjoni misterjuża, Elija diġà ħassu mibdul għaliex miegħu kien se jsir patt ġdid: "Hekku l-Mulej qalli" (1 Slat 19,9). Sa fl-aħħar Jaħweh tkellem: Huwa diġà kien għadda ħafna żmien u ma kellmux Alla; Ukoll f'dak l-istess waqt meta Elija kien qed iħossu għajjien u ddisprat. Alla żamm is-skiet miegħu, minkejja li bgħatlu anġlu biex jikkonfortah u fl-istess waqt tah aħbar oskura ftit imħabbla.

F'dak il-perijodu ta' żmien il-profeta bata u għadda minn dik in-nixfa spiritwali, li hija wkoll xi ħaġa tipika tal-profeta, fejn f'dak il-waqt tonqsu l-Kelma: (Ara wkoll Papa Franġisku, *Gaudete et exultate* nru 148,149). Ukoll fis-salmi toħroġ din il-karba: "Jekk inti ma tkellimnix Mulej, inkun qismi dak li jinżel fil-qabar" (S 28,1). Dan huwa leħen drammatiku ta' dak li minkejja li jaf li għandu missjoni f'ċertu waqt ma jħossx aktar l-ispirazzjoni ta' Alla, u l-forzi kollha tiegħu jonqsuh sew. Iżda meta l-Mulej jerġa' iċaqlaq l-ilma, il-profeta intebaħ u kollox reġa' lura għan-normal.

"X'qed tagħmel hawn Elija?" (1Slat 19,9). Din hija domanda li tixbah ħafna lil dik li Alla għamel lil Adam. "Fejn int?" (Ġen 3,9). Fil-waqt li l-profeta kien iħossu debboli, għajjien, qalbu maqtugħa minħabba d-delużjoni, Jaħweh ma ċanfrux. Issa li qed iħossu b'saħħtu, u li ma għandux bżonn ta' min jinkoraġġih għaliex qed jiggosta s-sbuħija tat-talb, Alla issa beda jdaħħlu f'aktar provi.

"Għandi qalbi tħeġġeġ għall-aħħar għall-Mulej" (1 Slat 19,14): hekk wieġeb Elija waqt li wera ċerta grad ta' dwejjaq tiegħu. U dan ġara għaliex l-Israelin telqu għal kollox il-patt, kissru u ġarrfu l-artali, qatlu bis-sejf il-profeti. Jien bqajt issa waħdi, u huma issa qegħdin jippruvaw ukoll biex joqtluni. F'din il-karba tqila ta' Elija ma kenitx xi ħaġa



li tmiss lilu "in persona" imma rigward il-poplu ta' Alla.

Il-Mulej bil-mod il-mod wassal il-profeta biex jifhem li l-fidi vera f'Alla kienet mietet, li t-twemmin veru ta' Israel f'Jaħweh naqas sew, tant li Jaħweh telaq id-dar tiegħu. Din kienet saret tassew pjaga teoloġika, iżda Jaħweh indaħal hu direttament fix-xena tant li qal lil Elija: "Oħroġ u oqgħod fuq il-muntanja fil-preżenza tal-Mulej".

Din l-istedina hekk ċara minkejja li kien għaddej minn taqlib u taħwid intern, lil Elija imlietu b'kuraġġ kbir, fakkritu li ma kienx waħdu, imma hemm għajnuna ġejja mis-sema. Din tixbah ukoll lil dik li saret lil Mosè fl-Esodu 33,11: "Il-Mulej kien ikellem lil Mosè wiċċ imb wiċċ, bħalma bniedem ikellem lil ħabibu".

## Il-mogħdija tal-Mulej

"Hekku l-Mulej jgħaddi". Din hija espressjoni oħra ċelebri fl-istorja biblika li tfakkar fil-Għid-Mogħdija tal-Mulej. "Għax f'dak il-lejl Jiena ngħaddi mill-art tal-Eġittu u nidrob 'l kull min hu l-ewwel minn fost l-imweldin fl-art tal-Eġittu bnedmin u bhejjem u nagħmel ħaqq mill-allat kollha tal-Eġittu: Jiena Jahweh" (Eż 12,12). Hekk Elija ħa mill-ġdid dik il-qawwa interjuri u dan għaliex huwa rritorna u ftakar - *zikkaron* - mhux biss fl-alleanza tas-Sinaj (Eż 24), imma wkoll f'dik tal-Għid-Mogħdija tal-Mulej. Għal-Lhud ta' kull żmien din il-ġrajja straordinarja kienet l-akbar, l-ogħla u l-eqdes waħda li Alla b'id qawwija u bi driegħ merfugħ seta' qatt jagħmel mal-poplu tiegħu. Minn skjav tah il-ħelsien, minn poplu bla art, issa seta' jkollu art, minn poplu mingħajr ebda liġi li tiggwidah issa Alla tah il-kmandamenti. Għalhekk quddiem din il-verità qaddisa daqskemm reali, Elija ħassu jieħu l-qawwa aktar interjuri milli esterjuri.

Fil-kapitlu 1 Slat 19 hemm l-erba' sinjali kosmiċi; dawn huma r-riħ, it-terremot, in-nar u ż-żiffa ħelwa tar-riħ. Dawn huma versi mimlija simboli li jibgħatuna f'ħafna paġni oħra tal-Bibbja. Jaħweh ma kienx fl-ewwel tliet elementi, iżda bi probabiltà fiż-żiffa ħelwa u friska tar-riħ.

Fil-Bibbja hemm ħafna u ħafna sinjali-simboli. Is-simbolu jista' jkun fuq livell uman u fuq livell spiritwali. Fuq livell uman hu metafora jew xebh li kapaċi jfakkar f'realtà fiżika jew spiritwali. Hu mezz ta' komunikazzjoni. Fuq livell reliġjuż is-simbolu jwessa' l-isfera tiegħu u kapaċi jqanqal r-relazzjoni tal-bniedem mad-divin.

Fil-ktieb tal-Eżodu hemm il-kolonna tas-sħab matul







il-jum (13,22) kif ukoll il-kolonna tan-nar matul il-lejl. Ma' dawn insibu ir-ragħad, il-beraq, is-sħab iswed li jgħatti l-muntanji, ħsejjes qawwija tat-trombi, il-muntanja ddaħħan li fuqha niżel il-Mulej (Eż 19, 16.18). Ukoll it-Testment il-Ġdid isemmi dawn il-kwalitajiet ta' sinjali: Dawn jidhru l-aktar fil-ktieb tal-Atti meta niżel l-Ispirtu Santu fuq l-appostli.(Atti 4,31).

Dawn is-sinjali huma magħrufa ħafna fl-Iskrittura. Ġeneralment u wħud minnhom is-simboli jfissru l-preżenza tal-Mulej qalb il-poplu tiegħu. Mela Jaħweh huwa qrib, jinħass ġej, kif ġie fl-Għid, fuq is-Sinaj, u kif iltaqa' ma' Adam fil-ġnien. Dejjem skont xi eseġeti Alla ma kienx f'dawk l-elementi qawwijin tan-natura – riħ, terremot, nar biex jgħallem li hu jippreferixxi u jogħġbu wisq aktar il-ħlewwa, il-miżerikordja, il-ħniena, il-maħfra mit-tempesti, mela wkoll miż-żelu u ħeġġa esaġerata. Forsi mela li r-riħ ħafif, iż-żiffa ħelwa huma simbolu tal-intimità ma' Jaħweh. Hekk bosta drabi kien iwassal il-messaġġi tiegħu lill-profeti. "Tkellem Mulej għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma".

## Il-laqgħa ma' Alla (1 Slat 19,13-18)

"Hekk kif ħass iż-żiffa, Elija għatta wiċċu bil-mantell, ħareġ u waqaf fid-daħla tal-għar". Hawn l-istess



paralelliżmu ma' dak li ġralu l-leġislatur Mosè quddiem l-għollieq jaqbad. "Mosè għatta wiċċu għaliex beża' iħares lejn Alla" (Eż 3,6). Jaħweh hawn ukoll jagħmel l-istess mistoqsija tal-v 10: " X'qiegħed tagħmel hawn?"

Wara li Elija wieġeb lil Alla, dan ħabbarlu oraklu li kien jiġbor fih tliet inkarigi ta' dilka, mela missjoni tassew għolja: "Elija 'itlaq u erġa' aqbad triqtek lejn id-deżert ta' Damasku, u malli tasal idlek lil Ħażel bħala sultan ta' Aram, hekk ukoll lil Ġeħu bin Nimsi, idilku sultan ta' Israel; u lil Eliżew bin Safat, ta' Abel-meħola idilku profeta flokok'". Hawn Jaħweh ma ddiskuthiex direttament ma' Elija imma wrieh u tah fiduċja għamja. Hekk il-profeta issa mtela aktar bil-fiduċja fih innifsu.

Dawn it-tliet dilkiet qaddisa temmew il-missjoni nobbli ta' Elija. Però quddiem din is-sitwazzjoni, Alla joħroġ fil-beraħ il-pjan salvifiku tal-Istorja tas-Salvazzjoni. Kien minħabba din is-sitwazzjoni mdallma li Elija sab ruħu mdejjaq jekk mhux ukoll fid-deżolazzjoni. "Jien nħalli f'Israel sebat elef, jiġifieri dawk kollha li ma niżlux għarkupptejhom quddiem Bagħal, u dawk kollha li ma bisuhx b'xofftejhom" (1 Slat 19,18).

Dan huwa tassew kliem ta' fiduċja kbira ġej minn fomm Jaħweh: Israel mhux se jispiċċa minkejja s-sitwazzjoni. Għad fadallu missjoni quddiem Alla. Difatti Alla se jħalli jgħixu sebat elef persuna li żammew sħiħ mat-Torah. Fi kliem aktar sempliċi Alla dejjem ikompli jaħdem mal-fdal, anzi minnhom jerġa' jibda ħajja ġdida u sedqa.



# ĦRUQ DOLUŻ, ESTER U MORDEKAJ U L-FESTA TAL-PURIM

*Marcello Ghirlando*

## Il-Qabar ta' Ester u Mordekaj

Jidher li s-santwarju Lhudi tal-qabar ta' Ester u Mordekaj f'Ħamadan, l-Iran, ġarrab xi ħruq doluż. Din l-aħbar ingħatat minn Benjamin Weinthal, nhar il-Ħadd 17 ta' Mejju, fuq is-sit elettroniku tal-Jerusalem Report.

Hu kkwota lil Jonathan Greenblatt, Direttur Nazzjonali tal-Anti Defamation Leauge li għadda tweet fuq Twitter. Hekk kiteb: "Aħbar kerha mill-Iran fejn ingħad li xi ħadd ipprova jaħraq il-qabar ta' Ester u Mordekaj, santwarju Lhudi. Nittamaw li l-awtoritajiet jagħmlu ġustizzja ma' dawk li għamlu dan l-att mistmerr u jibqgħu jiġu mħarsa il-postijiet qaddisa tal-minoranzi reliġjużi kollha fl-Iran."

Qabel ma sar dan l-att doluż, ċertu Mohammed Mahdi hedded fuq Twitter li jeqred dan il-post qaddis b'reazzjoni għal Tweet ieħor fil-paġna Farsi tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Istat ta' Israel. Mhuwiex ċar jekk dan l-att sarx b'reazzjoni għall-anniversarju tal-Indipedenza tal-Istat ta' Israel.

Diversi kienu l-organizzazzjonijiet li wrew stmerrija ghal dan l-att sagrilegu. Il-Federazzjoni Amerikana Lhudija ta' New York u Los Angeles flimkien mal-membri tal-Komunità Iranjana Lhudija fl-Amerka qalu li kienu "ixxukkjati bl-aħbar ta' nar doluż f'sit uffiċjali ta' Wirt tal-Iran, jiġifieri il-qabar ta' Ester u Mordekaj f'Ħamadan. Nitolbu lill-membri responsabbli fil-gvern tar-Repubblika Islamika tal-Iran biex jaqbdu u jagħmlu ġustizzja ma' dawk li għamlu dan l-att barbaru li jweġġa' u jieħdu azzjoni biex ikomplu jipproteġu siti oħra ta' interess reliġjuż u storiku." Fl-istess linja l-Konferenza tal-Presidenti tal-Organizzazzjonijiet Lhud Amerikani ħarġu stqarrija konġunta: "Dan l-att bla ħsieb huwa mhux biss attakk anti-semitiku fuq il-Lhud u l-Ġudaiżmu, imma attakk fuq il-bnedmin kollha ta' fidi. Huwa att li jrid jiġi kkundannat mill-komunità internazzjonali."

Ganem Nuseibeh, attivist għad-drittijiet umani u Direttur tal-Musulmani kontra l-Anti-Semitiżmu qal: "Nikkundanna bla tlaqliq dan l-att barbaru mir-reġim ta' Teheran. Il-komunità internazzjonali trid tinvestiga u żżomm lir-reġim responsabbli għal kwalunkwe ħsara li jista' jseħħ kontra dan is-sit tat-*Tzaddikim*, nies ġusti."

It-theddid kontra dan is-sit kien ilu fl-arja. Fil-fatt il-Kummissjoni tal-Istati Uniti fuq il-Libertà Internazzjonali Reliġuża (USCIRF) kienet ilha turi t-tħassib tagħha fuq is-siġurtà tal-post f'Ħamadan u nsistiet mar-reġim fl-Iran li jkompli jipproteġi s-sit. L-Alleanza għad-Drittijiet tal-Minoranzi (ARAM) kienet bagħtet tweet fis-17 ta' Mejju fejn stqarret li l-Basij Iranjani riedu jattakkaw il-post b'reazzjoni għall-pjan ta' paċi ta' Trump bejn l-Israeljani u l-Palestinjani. Jidher li hemm xewqa li l-awtoritajiet Iranjani jikkonvertu dan is-sit qaddis Lhud f'Konsulat Palestinjan jekk jiġi mmexxi dan il-pjan ta' paċi.

## Ftit Storja

Dan il-post li fih jingħad hemm il-qabar taż-żewġ persunaġġi bibliċi ta' Ester u Mordekaj, imsemmija fir-rakkont li nsibu fil-Ktieb ta' Ester, jinsab f'Ħamadan. Din il-belt hija l-Ekbatana antika, il-kapitali tal-Imperu tal-Medi. Kienet isservi bħala waħda mit-tlitt ibliet kapitali tal-Imperu Akemenidu, li ġie wara. Din hija d-dinastija li l-Bibbja tqiegħed bħala l-kuntest tal-istorja ta' Mordekaj u Ester.

Is-sit jissemma għall-ewwel darba fis-seklu ħdax mill-Lhudi Benjamin ta' Tudela, vjaġġatur kbir fil-Lvant Nofsani. Huwa kiteb li meta żar Ħamadan, fl-Iran tal-lum, sab komunità Lhudija ta' 50,000 ruħ. Iddeskriva l-qabar bħala sit qrib sinagoga. Jidher li skont għejun Persjani-Lhud antiki, Ester u Mordekaj kienu waslu Ħamadan fejn mietu



siegħa bogħod minn xulxin fis-sinagoga tal-post. Dan ġie mgħarraf minn Shahin Shirazi, fis-seklu erbatax

Kittieba aktar reċenti jistqarru li l-Lhud tal-post kellhom qima kbira lejn dan is-sit u fil-Festa Lhudija tal-*Purim* kienu jaqraw l-iskroll ta' Ester u jwaħħlu kitbiet bis-salmi mal-oqbra qaddisa.

Menaħem ħa-Levi, rabbi li għex f'Ħamadan, fl-1932 jagħti ftit ta' deskrizzjoni tal-post. Jgħid li l-binja, b'koppla, kienet daqs 20 metru għoli. Fuq il-bieb prinċipali kien hemm skrizzjoni meħuda minn Isaija 26. Isemmi diversi oqbra, fosthom dak ta' rabbi-kap minn Ħamadan li ġie midfun hemm fis-seklu dsatax.

Stuart Brown iżomm li l-post mhuwiex il-qabar ta' Ester u Mordekaj imma x'aktarx dak ta' Xuxandukt, il-mara Lhudija ta' Jażdegard, sultan Sassanjan.

## Min kienu Ester u Mordekaj?

Irridu nsibu tweġiba fir-rakkont misjub fil-Ktieb ta' Ester fil-Bibbja. Meta naqbdu f'idejna l-Ktieb ta' Ester irridu niftakru li dan wasal għandna f'żewġ forom: forma qasira bil-Lhudi, miktuba fi tmiem il-ħakma Persjana, u forma twila miktuba bil-Grieg, maħduma fis-sena 78/77 qabel Kristu, u li l-Knisja aċċettat biż-żjidiet kollha.

Dan il-ktieb jippreżentalna qisu dramm li jdur fuq xebba Lhudija, Ester, li minn eżiljata tasal biex issir Sultana tal-Persja. F'din l-istorja Ester issir il-protagonista tal-ħelsien tal-Lhud.

F'dan id-dramm diversi huma l-protagonisti li jissemmew: hemm Mordekaj li kien Lhudi u li kien sar qaddej tas-Sultan Assweru wara li kixef konfoffa li kienet qiegħda ssir kontra tiegħu; hemm Ħaman, ministru tas-sultan li jitlob li kulħadd jitbaxxa quddiemu, ħaġa li Mordekaj jirrifjuta li

jagħmel. Dan l-atteġġjament ħaraq lil Ħaman li jilgħab lis-sultan u jġiegħlu jordna l-qerda ta' Mordekaj u l-Lhud kollha tal-Persja; itella' bix-xorti jum għal din il-qerda. Hu hawnhekk li tidħol Ester: imqanqla minn Mordekaj hija tidħol għal-Lhud quddiem is-sultan, minkejja l-periklu għal ħajjitha u ssalvahom. Ħaman jiġi mgħallaq fil-forka li hu stess kien ordna li titlesta għal Mordekaj. Din il-ġrajja ssir okkażjoni ta' festa għal-Lhud.

Din il-ġrajja wasslet biex tiġi mwaqqfa l-festa tal-Purim (xorti) (Est 9, 20).

## Dramm Storiku

Kulħadd jaqbel li dan il-Ktieb ta' Ester jippreżentalna dramm storiku: miktub biex jgħaddi kelma ta' kuraġġ lil-Lhud tad-Diaspora. Huwa wkoll maħluq biex jagħti raġunijiet storiċi u reliġjużi għal waħda mill-festi ż-żgħar tal-Lhud, dik tal-Purim. Din il-festa, li kellha u għad għandha aspett ta' Karnival, fil-fatt kienet festa li kienet issir fost il-Lhud li ħelsu mill-qerda fil-pajjiżi tal-Lvant, fi tmiem il-perijodu Persjan.

Aktar tard din il-festa bdiet issir ukoll fil-Palestina. U biex il-festa jkollha bażi, awtur mhux magħruf, kiteb bil-Lhudi dan id-dramm, fit-tieni seklu qabel Kristu. Il-verżjoni Ġriega żiedet xi testi li ma kinux miġburin fid-dramm Lhudi. Huma żidiet li riedu jagħtu aspett aktar reliġjuż lil dan id-dramm.

Il-festa tal-Purim fil-fatt tiġi ġġustifikata lejn l-aħħar tal-ktieb ta' Ester fl-ittri ta' Mordekaj u Ester f'9: 20-32: "Mordekaj kiteb dawn il-ġrajjiet kollha u bagħat ittri lil-Lhud li jinsabu fil-provinċji kollha tas-sultan Assweru tal-qrib u tal-bogħod, biex jordnalhom li ta' kull sena jżommu b'jiem ta' btala l-erbatax u l-ħmistax tax-xahar ta' Adar, bħalma kienu għamlu b'dawk il-jiem li fihom il-Lhud strieħu mill-għedewwa tagħhom ix-xahar li nbidlilhom mill-għali għall-ferħ, u minn jum in-niket għal jum ta' btala. F'dawn il-jiem għandhom jagħmlu festa u jifirħu; jaqsmu l-ikel bejniethom u jagħtu sehem lill-fqar. Il-Lhud imbagħad ħaduha drawwa li jagħmlu dak li għamlu dak in-nhar, kif kitbilhom Mordekaj."

"Ħaman bin Ħammedata, l-Agagi, u l-għadu tal-Lhud kollha kien għamel il-fehma li jeqridhom u tefa' l-Pur, jiġifieri x-xorti, biex jifnihom u jeqridhom. Iżda meta Ester daħlet quddiem is-sultan u dan sar jaf bil-biċċa, is-sultan ordna bil-miktub biex jaqilbu għal fuq rasu d-deni kollu li kien ħaseb għal-Lhud; u dendlu lilu u lil uliedu mal-forka. Għalhekk sejħu lil dawk il-jiem Purim mill-kelma Pur, skont ma kienet tgħid l-itta, u skont ma raw u kull ma ġralhom dik il-ħabta. Il-Lhud għamluha liġi, li ma tistax titħassar, għalihom u għal nisilhom u għal kull min jingħaqad magħhom, liġi li jibqgħu jżommu dawn il-jumejn fiż-żmien u l-mod preskritt. Dawn il-jumejn għandhom jiftakruhom u jiċċelebrawhom minn ġenerazzjoni għal ġenerazzjoni, kull familja, kull provinċja u kull belt Dawn il-jiem tal-Purim ma għandhomx jonqsu minn fost il-Lhud u t-tifkira tagħhom ma titħassarx minn fost il-ġenerazzjonijiet tagħhom."

"Is-sultana Ester, bint Abiħajil, flimkien ma' Mordekaj, il-Lhudi, kitbet bil-qawwa kollha biex twettaq din it-tieni ittra tal-Purim. U ntbagħtu ittri lil-Lhud kollha li kienu jgħammru fil-mija sebgħa u għoxrin provinċja tal-Imperu ta' Assweru bi kliem ta' sliem u s-sewwa, biex iżommu dawn il-jiem tal-Purim fi żmienhom, bħalma ordnalhom Mordekaj il-Lhudi u s-sultana Ester, kif stabbilew għalihom infushom u għan-nisel tagħhom, b'tifkira tas-sawm u tal-krib tagħhom. Il-kmand ta' Ester wettaq il-liġi tal-Purim u kien miktub fi ktieb."

## *Purim*

Il-festa Lhudija ta' Purim hija mlaqqma fil-ġrajja ta' Ester u Mordekaj. Fl-14

tax-xahar Lhudi ta' *Adar* issir il-Festa tal-*Purim* li tfakkar il-ħelsien tal-Lhud fil-Persja mill-pjanijiet ta' Ħaman, Gvernatur tas-Sultan Assweru. L-isem tal-festa ġej mill-kelma *pur*, li tfisser xorti: Ħaman kien tefa' x-xorti biex jagħżel data, it-13 ta' *Adar,* biex jeqred il-Lhud tal-Persja: "F'Nisan, l-ewwel xahar tas-sena, fit-tnax-il sena tas-saltna ta' Assweru, tefgħu l-Pur, jiġifieri tefgħu x-xorti, quddiem Ħaman għall-jum u għax-xahar, biex hekk jagħżlu x-xahar u l-jum għall-qerda tal-Lhud, il-poplu ta' Mordekaj, f'jum wieħed, mis-saltna ta' Assweru; u x-xorti waqgħet fuq il-jum tlettax ta' Adar, it-tnax-il xahar" (Est 3: 7). F'din id-data ssir is-Sawma ta' Ester biex tfakkar is-sawma tas-sultana Ester, sawma li saret qabel ma daħlet titlob għall-poplu tagħha quddiem is-sultan. L-għada ssir iċ-ċelebrazzjoni tal-*Purim,* skont l-ittri mibgħuta minn Mordekaj u Ester, kif rajna aktar 'l fuq. Il-15 ta' *Adar* jissejjaħ *Xuxan Purim,* għaliex il-konflitt bejn in-nies ta' Ħaman u l-Lhud ma ntemmx qabel l-14 f'Susa, u Assweru ħalla lil-Lhud jum ieħor biex jirbħu lill-għedewwa tagħhom. Il-ħelsien seta' jkun iċċelebrat il-jum ta' wara" (Est 9: 13-18).

Hemm trattat fit-*Talmud*, *Megillah*, li jiddeskrivi x'għandu jsir f'din il-festa: l-Iskroll ta' Ester, skroll speċjali li spiss jiġi mżejjen minn artisti Lhud, jiġi kantat fit-talb ta' filgħodu u filgħaxija fis-Sinagoga; tiżdied talba ta' radd il-ħajr mal-Amidah u mat-Talba wara l-Ikel. Il-Purim illum jixbah ħafna il-Karnival: it-tfal jilbsu l-kostumi; filgħaxija ssir ikla tal-festa li fiha jittieklu il-*Ħamentaxen,* qishom pastizzi ħelwin mimlija bit-tamal, f'forma ta' triangolu u jfakkru fil-kappell ta' Ħaman. Hija tradizzjoni li l-ġenituri jagħtu l-flus lil uliedhom, *Purim gelt*, u l-istudenti tal-*Jeshivot*, l-iskejjel tat-*Torah*, jimitaw lill-għalliema tagħhom.

## It-tradizzoni Lhudija

Il-fatt li l-festa tal-Purim hija bħal donnha l-ekwivalenti tal-Karnival tal-Punent ġej mill-fatt li t-tradizzjoni Lhudija qisha dejjem qrat it-test oriġinali bil-Lhudi (it-test masoretiku) bħala kummiedja. Il-*midrashim* Rabbiniċi (kummentarji) neffħu d-dettalji tar-rakkont biex jrenduhom aktar komiċi. Per eżempju, fil-kuntest ta' ikla b'xorb li jwassal għas-sokor fil-kapitlu 1, ir-rabbini jikkummentaw li s-sultana Vasti tiġi mistiedna tidħol bil-kuruna ta' sultana fuqha(1: 11)...iżda bil-kuruna biss u xejn aktar, jiġifieri għarwiena! Fit-tieni kapitlu, ix-xamma sesswali tar-rakkont tingħata kulur mir-rabbini meta jingħad li fil-ħarem tas-sultan it-tfajliet jindilku matul is-sena kollha għal dak il-lejl wieħed li kellhom igħaddu fis-sodda mas-sultan. Il-lussu esaġerat tal-qorti Persjana u r-rakkont ta' mhux inqass minn għaxar pranzijiet ikomplu jżidu l-impressjoni ta' eċċess komiku kif ukoll il-ġrajja li fiha Ħaman jiġi akkużat mis-sultan li ried jieħu vantaġġ sesswali minn Ester (6-7).

Jidher li dan ir-rakkont, fil-verżjoni oriġinali Lhudi tiegħu, ġie miktub u mifhum f'din il-linja surreali u komika. Tant li, kif għidna diga', ma hemm l-ebda referenza reliġjuża fl-oriġinal. Irridu nistennew iż-żjidiet fil-verżjoni Griega biex jidħlu elementi reliġjużi: riferenza għal Alla, il-Liġi ta' Mose', it-talb, il-liġjiet tal-ikel *kosher* eċċ. Il-verżjoni Griega fil-fatt tagħtina żewġ talbiet mill-isbaħ li joħorġu minn fomm Mordekaj u Ester.

"U s-sultana Ester ukoll, qabadha biża' għall-mewt, u fittxet il-kenn tal-Mulej. Neżgħet il-ġmiel ta' lbiesha u libset l-ilbies tan-niket u l-hemm; flok b'ungwenti prezzjużi ksiet rasha bl-irmied u l-ħmieġ; għakkset kemm felħet lil ġisimha, u fejn qabel kienet tħobb iżżejnu, issa għattietu bid-dliel ta' xagħarha mħabbel.

Imbagħad talbet lill-Mulej, Alla ta' Israel, u qaltlu: "Mulejja, int waħdek is-Sultan tagħna. Għinni għax



s-sentenza li int lissint b'fommok biex jeqirdu l-wirt tiegħek, u jagħlqu fomm dawk li jfaħħruk, jeqirdu l-ġmiel tat-tempju u l-artal tiegħek, u jiftħu fomm il-ġnus biex ifaħħru l-frugħat tal-allat tagħhom, u jqimu għal dejjem sultan tad-demm u l-laħam."

"Titlaqx, Mulej, ix-xettru tiegħek f'idejn ix-xejn; tħallihomx jifirħu bil-qerda tagħna, imma dawwar il-fehma tagħhom kontra tagħhom stess, u agħmel eżempju minn dak li beda l-ewwel jeħodha kontra tagħna."

"Ftakar fina Mulej, uri ruħek fi żmien l-hemm tagħna u qawwili qalbi, Sultan fuq l-allat, u setgħan fuq kull setgħa. Qegħedli kliem f'waqtu fuq fommi għal quddiem l-iljun, u dawwarlu qalbu u mlihielu b'mibegħda għal dak li ħadha kontra tagħna biex isib tmiemu, hu u kull min jaħsibha bħalu."

"Iżda lilna eħlisna bil-qawwa ta' jdejk u għinni, lili, li jiena waħdi u ma għandi lil ħadd ħliefek, Mulej."

"Int kollox taf, u taf tajjeb li jien nistmell il-glorja tal-ħżiena, nistkerrah il-friex ta' min mhux Lhudi u kull barrani."

"Int taf kif jien sfurzata; kemm nobgħod is-simbolu tal-kobor tiegħi li jkolli nilbes f'rasi kull meta nidher quddiem in-nies. Stkerrahtha bħal biċċa

jien waħdi, u m'għandi ebda kenn ieħor ħliefek, u bħalissa għaddejja minn periklu kbir."

"Sa minn ċkuniti, fi ħdan il-familja ta' missirijieti, jien kont nisma' li int, Mulej, għażilt lil Israel minn fost il-ġnus kollha, u 'l missirijietna minn fost l-antenati tagħhom biex ikunu l-wirt tiegħek għal dejjem, u

għamilt magħhom skont ma wegħedthom."

"U aħna issa dnibna quddiemek, u int tlaqtna f'idejn l-għedewwa tagħna, għax aħna tajna l-glorja lill-allat tagħhom. Int ġust, Mulej!"

"Iżda huma issa mhumiex kuntenti bl-imrar tal-jasar tagħna, ftiehmu mal-allat tagħhom li jħassru



ċarruta maħmuġa, u ma nilbishiex meta nkun waħdi." (Est Ċ:12-30)

"Il-qaddejja tiegħek qatt ma kielet mill-mejda ta' Ħaman, u qatt ma stmajt il-pranzijiet tas-sultan, u qatt ma xrobt mill-inbid offrut lill-allat. [46][29] U minn mindu sibt ruħi hawn sal-lum, qatt ma ferħet il-qaddejja tiegħek ħlief bik, Mulej, Alla ta' Abraham.

"Alla li għandek setgħa fuq kollox, isma' l-għajta ta' dawk li qatgħu jieshom, u eħlisna minn idejn il-ħżiena. Eħlisni mill-biża' tiegħi."

Minkejja din l-interpretazjoni rabbinika xi ftit komika, it-tradizzjoni Lhudija għarrfet tilqa' anke l-messaġġ serju tal-iskroll ta' Ester. Hija storja miktuba għad-Diaspora Lhudija għaliex tippromwovi l-identita' Lhudija, s-solidarjeta' fil-komunità Lhudija u tlaqqam lill-qarrej fit-tradizzjoni soda biblika. Iddawwal lil dawk li sabu ruħħom bħala minoranza u dejjem vulnerabbli għall-qawwiet politiċi u l-editti tal-gvernijiet, dejjem dipendenti fuq il-favuri rjali u l-għerf tal-mexxejja Lhud tagħhom. Anke l-akkuża ta' Ħaman lil Mordekaj, "li la kien jinżel għarkupptejh u lanqas ibaxxi rasu fl-art quddiemu" (3:5) saret bħala prototip tal-anti-semitiżmu, iddoqq korda qawwija fil-qlub tal-qarrejja tal-ktieb. Il-messaġġ jibqa' posittiv: it-tajjeb jirbaħ fuq il-ħażiin, it-theddida tal-qerda tal-Lhud tintemm u l-komunità Lhudija tisseddaq fit-tama li tista' tkompli tgħix il-ħajja tagħha. Mhux ta' b'xejn li Ħaman sar is-simbolu tal-għedewwa tal-Lhud u li l-festa tal-Purim ġiet partikolarment iċċelebrata fil-Medjuevu u fiż-żmien modern bikri fil-komunitajiet Lhud li kienu għaddejja minn persekuzzjoni.

Nota konklużiva: huwa interessanti ninnutaw li l-ebda fdal tal-iskroll ta' Ester ma nstab fost l-iskrolls tal-Baħar il-Mejjet. Jista' jkun li l-Esseni ta' Qumran ma kenux jiċċelebraw il-festa tal-Purim għaliex bil-kalendarju tagħhom ta' 364 jum, din il-festa dejjem kienet taqa' nhar ta' Sibt. Fil-kalendarju Lhudi tal-lum, il-festa tal-Purim, qatt ma tinżerta nhar ta' Sibt.



# L-EWWEL TRAĊĊI TA' MINISTERI EKKLEŻJALI FL-ATTI TAL-APPOSTLI

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

Il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli li fi tradizzjoni antika hu attribwit lil San Luqa, jagħtina informazzjoni storika-teoloġika dwar il-komunità nisranija ta' Ġerusalemm u dik f'Antijokja tas-Sirja. Din l-informazzjoni dwar dawn il-komunitajiet insara tal-bidu, titfa' dawl dwar

strutturi u allura ministeri ekkleżjali li żviluppaw bħala tweġiba għall-ħtiġijiet partikulari li bdew iqumu f'waqtiet storiċi differenti f'dawn l-istess knejjes differenti. Nistgħu ngħidu li l-ebda struttura msemmija hawnhekk ma tista' tiġi kkunsidrata normattiva u eskluża għall-oħrajn. Huwa minnu wkoll li minn dawn l-eżempji nistgħu nisiltu xi linji ġenerali, imma dawn ma jiffurmawx mudell lest għall-Knisja llum. Dan mhux biss minħabba li ma nistgħux inkunu ċerti kif dawn il-ministeri kienu jiffunzjonaw, imma wkoll għax ma nafux x'hemm f'dan il-mod kif kienu jiffunzjonaw li jista' jitqies normattiv għall-Knisja. F'dan l-artiklu se nisiltu xi siltiet mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli li jistgħu jgħinuna napprezzaw aktar kif il-Knisja tal-Bidu bdiet tifforma ruħha fir-rigward ta' dak li aktar 'il quddiem kellu jkompli jiżviluppa bħala ministeri ekkleżjali strutturali u ġerarkiċi. Bl-ebda mod, iżda dawn il-ftit ħsibijiet ma nistgħu nqisuhom bħala studju komprensiv ta' dan is-suġġett wiesa' u delikat li għadu qed jiġi studjat.



## SOLUZZJONIJIET QUDDIEM L-EWWEL PROBLEMI FIL-KNISJA TAL-BIDU

It-titlu tat-tieni volum fil-kitba ta' San Luqa, *Atti tal-Appostli,* huwa wieħed sfortunat hekk kif dan il-ktieb ftit li xejn jitkellem dwar l-atti tal-'Appostli'. Pjuttost, l-ewwel nofs ta' dan il-ktieb jirrakkonta t-twelid tal-ewwel knejjes: dik ta' Ġerusalemm u dawk fid-Diaspora bir-rwol sinifikattiv li jingħata lill-figura ta' Pietru. It-tieni nofs tal-Ktieb tal-Atti tal-Appostli mbagħad, hu kważi kollu kemm hu ddedikat għan-narrativa tal-vjaġġi ta' San Pawl.

Fl-ewwel nofs tal-imsemmi ktieb naqraw dwar id-diversi konflitti li l-Knisja tal-Bidu kellha tgħaddi minnhom. Wara s-suċċess tal-predikazzjoni tal-Appostli, il-Knisja tal-Bidu li kompliet ixxandar b'konvinzjoni qawwija s-salvazzjoni fi Kristu Ġesù Rxuxtat, tibda tesperimenta li ma kellhiex soluzzjonijiet ta' kif se taddatta ruħha meta bdew jitfaċċaw l-ewwel problemi ta' organizazzjoni, bħal ngħidu aħna, l-aċċettazzjoni tal-pagani fil-Knisja, il-qasma minn mal-Lhud, il-fanatiżmu tal-Fariżej ikkonvertiti, l-impożizzjoni taċ-ċirkonċiżjoni u regoli oħra tal-liġi Lhudija fuq l-ikel, biex insemmu xi

wħud. Kien hemm ukoll id-dilemma dwar jekk għandux jew le jinżamm in-numru "Tnax" fost l-Appostli minħabba t-tifsira eskatoloġika tiegħu u l-kriterju magħżul biex jimtela l-post ta' Ġuda: "Jeħtieġ għalhekk li jingħażel wieħed minn dawk li ssieħbu magħna tul iż-żmien kollu li l-Mulej Ġesù kien dieħel u ħiereġ magħna, ibda mill-magħmudija ta' Ġwanni sa dakinhar li kien meħud minn magħna, u jkun flimkien magħna xhud tal-qawmien tiegħu mill-imwiet" (Atti 1:21-22).

Il-Knisja tal-Bidu ma kellha l-ebda tweġiba programmatika għal xi waħda minn dawn il-problemi jew oħrajn li jixbhuhom kif jiġu ppreżentati fl-Atti tal-Appostli. Pjuttost biex jissolvew dawn il-problemi, il-Knisja tal-Bidu kellha tibbaża fuq il-fedeltà tagħha lejn Kristu Ġesù u l-kreattività tal-Ispirtu, filwaqt li tuża wkoll il-karizma ta' xi membri tagħha. San Luqa jurina fl-Atti tal-Appostli kif f'din il-ħidma kreattiva bħala twegiba għall-isfida tal-istorja, il-Knisja tal-Bidu kellha taffaċja l-komplikazzjonijiet u l-inkwiet li nqala' minħabba r-reżistenzi ta' xi gruppi fi ħdanha.



Din ir-reżistenza żieded aktar id-diffikultajiet fil-mixja tal-Knisja tal-Bidu. Minkejja iżda li dan il-ġlied beda jsir aktar qawwi, il-knejjes Ellenisti-Lhud u l-Lhud Palestinjani kienu tgħallmu kif jevitaw qtugħ totali minn ma' xulxin. Dan hu l-mod kif il-Knisja tal-Bidu rnexxielha timxi 'l quddiem filwaqt allura li tibqa' tgħallimna li f'din l-istorja umana ma jistax ikun hemm progress b'mod ieħor.

Fortunatament, fil-Knisja tal-Bidu kien hemm Pietru, figura u medjatur qawwi. Fl-istess ħin, nistgħu nimmaġinaw li għal xi wħud f'din il-Knisja, ma kienx faċli li jaċċettaw lil Pawlu ta' Tarsu li ftit qabel kien il-persekutur tal-istess Knisja. Kien Pawlu, iżda li kellu jħejji t-triq biex il-missjoni nisranija kollha taqbad il-mixja tagħha 'l quddiem. F'dan kollu, l-Atti tal-Appostli jagħmel sforz titaniku sabiex jagħtina stampa pożittiva ta' Pawlu, filwaqt li jipprova jippreżentalna stampa "irenika" jew ta' paċi fir-rigward ta' Pawlu

u l-Knejjes tiegħu ma' dik ta' Ġerusalemm, xi ħaġa li mhux dejjem faċli nirrikonċiljaw ma' dak li jgħid Pawlu stess fl-Ittri tiegħu. Pawlu għamel l-impossibbli sabiex ma jinqatax minn mat-Tnax minħabba li kif jistqar hu stess: "biex ma nkunx ġrejt jew qiegħed niġri għalxejn" (Gal 2:2). Minkejja dan, il-konflitti li sab ruħhu fihom fil-ħidma bla taqta' tiegħu għall-Evanġelju, żgur li ma kienx dak li xi ħadd jistenna. Imma hekk jiġri meta l-Mulej jafda missjoni lil xi ħadd. Hekk kien qal il-Mulej Alla lil Ħaninija immedjatament wara s-sejħa ta' Pawlu fit-triq ta' Damasku: "Jien stess għad nurih kemm irid ibati minħabba f'ismi" (Atti 9:16).

## IT-TQEGĦID TAL-IDEJN

Fl-Atti 22:16 naqraw b'mod espliċitu li Pawlu "tgħammed", imma mhux li kien ġie inkorporat fix-xirka tat-Tnax-il Appostlu b'xi forma speċjali bħalma seħħ fil-każ ta' Mattija li kien ħa post Ġuda l-Iskarjota. Minkejja li f'Atti 13:3 naqraw kif fil-Knisja ta' Antijokja xi dixxipli kienu "qiegħdu jdejhom fuqhom (fuq Pawlu u Barnaba)", dan il-ġest jirreferi biss "għax-xogħol li għalih" kien sejħilhom l-Ispirtu s-Santu (v.2) u mhux biex ikunu "Appostli" bħat-Tnax.

Il-ġest tat-tqiegħed tal-idejn imsemmi hawnhekk fl-Atti tal-Appostli, huwa ġest u rit li jeħodna lura fil-paġni tat-Testment il-Qadim. Imma issa fl-Atti tal-Appostli, dan il-ġest jieħu tifsira ġdida marbuta mal-għoti tal-Ispirtu, fatt fundamentali għall-Knisja tal-Bidu. Minkejja dan, nistgħu ngħidu li f'dan l-istadju fil-ħajja tal-Knisja tal-Bidu, it-tifsira tar-rabta bejn it-tqiegħed tal-idejn u l-Ispirtu għadha waħda wiesgħa ħafna. Fl-Atti tal-Appostli, fil-fatt, naqraw kif dan l-istess rit tat-tqegħid tal-idejn jiġi muri biss bħala ġest ta' "akkumpanjament" li jiddistingwi l-magħmudija ta' Ġwanni minn dik ta' Ġesù.

Mhuwiex ċar lanqas f'dawn l-ewwel referenzi għat-tqegħid tal-idejn fl-Atti tal-Appostli, jekk dan il-ġest huwiex biss *komunikazzjoni* tal-Ispirtu, bħalma ħafna drabi hu ssuġġerit, pereżempju fl-Atti 6:6 jew



inkella huwiex għarfien tad-don tal-Ispirtu li diġà kien ikkomunikat. Aktar tard, fil-fatt, il-Knisja kien għad irid jeħtieġilha tiddistingwi bejn it-tqegħid tal-idejn fis-sens tat-trasmissjoni tal-awtorità, jew inkella t-twaqqif sempliċi ta' uffiċċju. It-Testment il-Ġdid iżomm iż-żewġ tifsiriet; forsi kien aktar tard, bil-bżonn li jissemmew l-ismijiet tas-suċċessuri tal-Appostli, li l-ġest tat-tqegħid tal-idejn wassal għall-verżjoni tardiva tal-ordinazzjoni bħala "għejun" tal-qawwa.

## L-APPOSTLI

L-għażla tal-appostli li jissemmew b'mod prominenti fl-Evanġelji Sinottiċi, imma mhux fl-Evanġelju skont San Ġwann, turina l-karattru ekkleżjali tal-ministeru fil-Knisja. Il-Knisja għandha bżonn persuni għall-missjoni tal-komunità u persuni biex igħinu l-ħajja ta' din il-komunità. L-istess isem "Appostli" – kelma li ġejja mill-Grieg u li tfisser "mibgħutin" - turina kif il-Knisja hija komunità mibgħuta u mhux biex tingħalaq fiha nnifisha. F'din il-komunità iżda hemm grupp ta' persuni li huma responsibbli għal din il-missjoni u li jistgħu jiddixxernu u jiċċaraw il-ħajja u l-attività tal-komunità skont il-ħtiġijiet ta' din il-missjoni. Din tista' tkun it-tifsira tal-istituzzjoni tal-Appostolat li l-Knisja rċeviet mingħand Ġesù nnifsu.

Fl-istess ħin, l-Evanġelju jurina wkoll kif Ġesù ħalla lill-Knisja libera biżżejjed sabiex tifforma lilha nfisha bl-aqwa mod u sabiex twieġeb għall-isfidi differenti fil-missjoni tagħha, il-mandat veru tal-Mulej. L-Atti tal-Appostli jiddeskrivi lill-Appostli bħala dawk li "kienu jagħtu xhieda tal-qawmien tal-Mulej Ġesù" (Atti 4:33). Meta tfaċċat l-ewwel problema fil-komunità nisranija tal-bidu, l-Appostli jew "it-Tnax" kienu dawk li "sejħu l-ġemgħa tad-dixxipli" (Atti 6:2), għalkemm hija l-komunità kollha flimkien li approvat dak li pproponew l-appostli kif inkomplu naqraw fil-vers 5 ta' din is-silta: "Dan il-kliem għoġob lill-ġemgħa kollha."

Sa dan il-waqt, nistgħu naraw fl-Atti tal-Appostli, mela, l-interazzjoni bejn l-Appostli u l-ġemgħa li temmen, bi rwoli ċari u loġiċi ta' responsabilità fuq in-naħa tal-Appostli. F'dan is-sens, f'din l-ewwel fażi fil-ħajja tal-Knisja tal-Bidu, San Luqa jippreżentalna tip ta' tmexxija fil-Knisja li kienet tagħmel tfittxija jew dixxerniment. Forsi minħabba f'hekk ukoll, li f'dawn il-paġni tal-Atti tal-Appostli naraw li dejjem deher il-bżonn tal-approvazzjoni tal-ġemgħa kollha mal-Appostli.

Filwaqt li ngħidu dan, irridu nfakkru wkoll f'xi eżempji li jinkludu wkoll l-Atti tal-Appostli meta l-awtorità ta' xi wħud mill-Appostli titqiegħed f'mistoqsija. Hekk, pereżempju, wara l-ewwel esperjenza missjunarja fost il-pagani, naqraw kif xi wħud mill-komunità bdew jeħduha kontra Pietru u jakkużawh: "Int dħalt għand in-nies li m'għandhomx iċ-ċirkonċiżjoni u kilt magħhom" (Atti 11:3).

Fid-dawl tal-importanza tal-Appostli fl-Atti tal-Appostli rridu ninnutaw ukoll kif meta f'Antijokja kien ġie deċiż li ssir ġabra għall-aħwa f'Ġerusalemm, il-flus li kienu nġabru bagħtuhom "għand il-presbiteri" (Atti 11:30) u mhux għand l-Appostli kif forsi konna nistennew li se naqraw, anke jekk dawn forsi setgħu kienu inklużi fit-tifsira tal-kelma "presiberi" hawnhekk. Jista' jkun iżda, li f'dan it-test tal-Atti, l-Appostli forsi setgħu tħallew barra minħabba li dan il-każ kien biss miżura amministrattiva li ma tikkorrispondix ma' dak li naqraw fil-kapitlu 6 tal-Atti li jitkellem dwar "id-dritt" tal-appostli li jieħdu deċiżjonijiet f'waqtiet ta' kriżi ġdida fil-Knisja tal-Bidu.

Il-fatt hu, li minn issa 'l quddiem fl-Atti, meta ssir referenza għall-"mexxejja" tal-Knisja tal-Bidu, l-awtur tal-Atti ta' dan il-ktieb

Kanoniku, jitkellem mill-"Appostli u l-Presbiteri." Hekk naqraw, pereżempju f'Atti 15:2 meta l-fazzjoni li ħaditha kontra Pawlu u Barnaba fuq il-kwestjoni taċ-ċirkonċiżjoni "qatgħuha li Pawlu u Barnaba u xi wħud oħra minnhom jitilgħu Ġerusalemm ikellmu *lill-appostli u l-presbiteri* fuq din il-kwestjoni." Hekk ukoll f'16:4 naqraw kif Pawlu u Timotju waqt li kienu "għaddejin mill-ibliet, bdew jgħarrfuhom bid-digrieti tal-*appostli u l-presbiteri* ta' Ġerusalemm." Din it-terminoloġija ta' "l-appostli u presbieri" issa tidher bħala waħda kostanti fl-Atti tal-Appostli kull fejn il-Knisja ta' Ġerusalemm kellha tieħu xi deċiżjoni.

## DIVERSITÀ FIL-MUDELLI

Fl-Atti tal-Appostli naqraw kif fil-Knisja tal-Bidu sseħħ separazzjoni paċifika f'Ġerusalemm, mingħajr iżda ma tinkiser il-komunjoni jew il-kuntatt bejn l-ewlenin Insara Palestinjani u l-Insara Lhud li kienu jitkellmu bil-Gireg. Aktar tard għal raġunijiet esterjuri, bħal-persekuzzjoni kontra l-Lhud-Ellenisti, din is-separazzjoni tinbidel fit-twaqqif ta' komunità ekkleżjali oħra f'Antijojka tas-Sirja. Minn dak li naqraw fl-Atti jidher li din il-komunità l-ġdida kienet aktar ħajja u kreattiva minn dik ta' Ġerusulaemm. Mhux biss, imma l-awtur



tal-Atti jinfurmana li "kien f'Antijokja li d-dixxipli għall-ewwel darba sejħulhom 'Kristjani'" (Atti 11:26).

Minn dak li nkomplu naqraw fl-Atti tal-Appostli, insiru nafu wkoll li din il-komunità baqgħet iżomm

komunikazzjoni mal-Knisja ta' Ġerusalemm, minkejja mhux biss iċ-ċirkustanzi ta' konflitt li fihom sabu ruħhom, imma wkoll għall-fatt li l-Knisja ta' Ġerusalemm tidher li mxiet lejn pożizzjoni aktar konservattiva. Fid-dawl ta' dan, ninnutaw ukoll kif Pawlu li ma ħassux aktar komdu fil-Knisja ta' Ġerusalemm, mar f'din il-Knisja ta' Antijokja, u minn hemm kien ġie mibgħut fuq vjaġġ missjunarju differenti.

Ladarba l-komunità l-ġdida ta' dixxipli f'Antijokja kienet twaqqfet, faċilment nieħdu l-impressjoni li din setgħet kienet strutturata b'mod differenti minn dik ta' Ġersualemm, hekk li waħda kienet aktar kariżmatika filwaqt li l-oħra aktar missjunarja. Il-fatt iżda hu li l-istruttura ta' din il-komunità ġdida ma jidhirx li ħolqot problema għall-"profeti" li xi drabi kienu jinżlu Antijokja minn Ġerusalemm.

L-ewwel referenza għall-istruttura tal-komunità nisranija f'Antijokja nsibuha f'Atti 13:1 fejn naqraw hekk: "Fil-Knisja ta' Antijokja kien hemm xi profeti u għalliema." Hawnhekk naqraw saħansitra l-ismijiet ta' dawn "il-profeti u għalliema"- "Barnaba, Xmun li jgħidulu Niger, Luċju minn Ċereni, Manahen li kien trabba ma' Erodi t-tetrarka, u Sawl." (Atti 13:1).

Mill-informazzjoni li nsibu fl-Atti 11:27 u 15:33 nistgħu ngħidu li dawn il-"profeti" kienu wkoll fil-komunità ta' Ġerusalemm, anke jekk l-awtur tal-Atti qatt ma jsemmihom b'mod espliċitu meta jitkellem dwar il-ħajja interna ta' din il-komunità, imma biss meta jagħmel referenza tar-relazzjoni tagħha mal-komunità ta' Antijokja. M'għandniex definizzjoni tal-kontenut tal-ministeru "profeti" li jissemma f'dawn it-testi fl-Atti tal-Appostli. Minkejja dan, permezz ta' dak li naqraw f'Atti 15:33 insiru nafu li dawn kienu ġew mibgħuta minn Ġerusalemm f'Antijokja sabiex jikkomunikaw id-deċiżjonijit tal-ewwel *Kunsill* "kienu wkoll profeti, farrġu lill-aħwa u wettquhom b'ħafna kliem" (v.32). F'kelma oħra, dawn "il-profeti" kienu persuni b'kariżma u bid-don tal-Kelma. Wisq probabbli li f'Antijokja, dawn kienu qed jirrappreżentaw lill-Appostli li baqgħu Ġerusalemm.

It-tieni referenza għall-ministeri tal-Knisja f'Antijokja hija li minn fost dawn "il-profeti u għalliema" jidher li ħarġu l-ewwel missjunarji itineranti. Il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli jikkonferma dan b'mod espliċitu fir-rigward ta' Pawlu u Barnaba fejn naqraw: "Darba, waqt li kienu qegħdin iqimu lill-Mulej u jsumu, l-Ispirtu s-Santu qalilhom: 'Agħżluli malajr lil Barnaba u lil Sawl għax-xogħol li għalih sejjaħtilhom.' Imbagħad wara li samu u talbu, qiegħdu jdejhom fuqhom u bagħtuhom" (Atti 13:2-3). L-Atti jsejjaħ lil dawn il-missjunarji "appostli," tal-inqas meta jirreferi għall-ħidma evanġelika tagħhom. Hekk naqraw f'Atti 14:4: "Imma n-nies tal-belt inqasmu; xi wħud kienu jżommu mal-Lhud u oħrajn ma' *l-appostli.*" Hekk ukoll naqraw fil-vers 14: "Malli semgħu b'dan, *l-appostli* Barnaba u Pawlu ċarrtu lbieshom ..." F'dawn it-testi iżda l-kelma "appostli" użata għal xi membri tal-komunità ta' Antijokja tieħu tifsira differenti minn dik li kienet tintuża għall-komunità ta' Ġerusalemm. Din l-ambigwità tilgħab rwol importanti fid-definizzjoni tan-nozzjoni tal-apostoliċità formali kif insibuha fl-Luqa-Atti.

It-tielet referenza li nsibu hija li dawn il-missjunarji wara li "xandru l-Evanġelju f'dik il-belt u għamlu ħafna dixxipli" (Atti 14:21), meta ġew biex jitilqu "Għamlulhom ukoll *presbiteri* f'kull Knisja, u bit-talb u s-sawm ħallewhom f'idejn il-Mulej, li fih kienu emmnu" (Atti 14:23). Traċċa oħra ta' din l-istess informazzjoni nsibuha mill-ġdid meta Pawlu ried jasal f'Ġerusalemm malajr u allura "kien qatagħha li jgħaddi 'l barra

minn Efesu" (Atti 20:16). Immedjatament wara dan id-dettal naqraw, kif "minn Miletu Palwu bagħat isejjaħ lill-*presbiteri* tal-Knisja ta' Efesu." (v.17). Fid-diskors drammatiku li jagħmel f'din l-okkażjoni, Pawlu jsejjaħ "lill-presbiteri" ta' Efesu *episkopous* li fit-Traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija* ġiet tradotta bil-kelma "għassiesa" – "Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu *għamilkom għassiesa* tagħha biex tirgħu l-Knisja ta' Alla li hu kiseb b'demmu stess" (Atti 20:28). Dan forsi jindika li f'dan l-istadju tal-ħajja tal-Knisja tal-Bidu ma kienx għad hemm differenza bejn *il-presibteri* u l-*episkopous.*

Fl-aħħar, insibu referenza li mhux bil-fors tikkontradixxi dik ta' qabilha imma tikkumplementaha. F'xi drabi, meta kellhom jittieħdu deċiżjonijiet differenti minn xi komunitajiet bħalma ġara f'Tessalonika u fil-Boroea, ma nsibux referenza għall-"presbiteri" jew għall-"profeti," imma biss għall-"Aħwa." Dan huwa terminu wiesa' ħafna minn dak użat għall-komunità kollha. Issa se jkunu *l-Aħwa* li se jieħdu deċiżjoni sabiex iġiegħlu lil Pawlu u lil Sila jitilqu lejn il-Berija kif naqraw f'Atti 17:10, jew lil Pawlu biex imur waħdu Ateni fi żmien ta' konflitt fil-predikazzjoni tagħhom kif naqraw ukoll f'Atti 17:14. Dak li rridu ninnutaw hawn huwa, li mhumiex id-dixxipli affettwati li jieħdu din id-deċizjoni, f'dan il-każ, Pawlu jew Sila. Dan forsi minħabba li l-membri ta' dawn il-komunitajiet għarfu li kienu jafu l-affarijiet aħjar u ħassewhom responsabbli għall-ħajja ta' dawn l-appostli.

Il-ħajja ta' dawn iż-żewġ komunitajiet tiżviluppa għalhekk f'*komunjoni ta' diversità*. Lanqas ma nafu sa liema punt l-Appostli kienu nvoluti fl-espansjoni u t-tkabbir tal-Knisja f'Antijokja. Minflok, aktar jidher li l-fatti imponew lilhom infushom fuqhom. Min-naħa l-oħra, dejjem insibu f'Antijokja preokupazzjoni ċara għall-komunjoni mal-Knisja ta' Ġerusalemm u biex jinstab kunsens fir-rigward ta' aspetti differenti xi drabi anke żgħar, u ta' rispett. B'dan il-mod, nistgħu napprezzaw aktar meta San Luqa jinfurmana li hekk kif qam l-ewwel konflitt, l-insara f'Antijokja immedjatament iddeċidew li "jmorru Ġerusalemm" "biex jaraw "lill-Appostli u lill-presbieri" (Atti 15:2).

## KONKLUŻJONI

Id-deċiżjonijiet meħudin mill-Knisja fl-Atti tal-Appostli kienu suġġeriti jew imposti mid-dixxerniment komunitajru possibbli ta' sitwazzjonijiet storiċi. L-unità fil-Knisja tal-Bidu għalhekk ma seħħitx permezz tal-uniformità fil-forom tal-ministeri u strutturi ekkleżjali, imma aktar b'referenza għal dak li Ġesù kien jirrappreżenta u bi preokupazzjoni lejn il-fqar, bħalma jidher fl-Atti 11:29-30 u f'dak li baqa' magħruf bħala "Testment ta' Pawlu" fi 20:35.



# MIN KIENET IL-VERONIKA?

***Noel Muscat ofm***

Fil-belt ta’ Ġerusalemm, kull nhar ta’ Ġimgħa, il-Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, flimkien ma’ mijiet ta’ pellegrini u Insara lokali, jimxu l-*Via Dolorosa* mill-Pretorju ta’ Pilatu, fejn Ġesù ġie kkundannat għall-mewt, sal-Kalvarju u l-Qabar ta’ Kristu, fil-kumpless tal-Bażilika tal-Qabar ta’ Kristu, biex jitolbu l-*Via Crucis*, il-meditazzjoni

ta' 14-il stazzjon fuq il-misteri tas-Salib. L-istorja ta' din id-devozzjoni, li hi antika ħafna, u li bdiet minn Ġerusalemm biex imbagħad xterrdet mal-knejjes tad-dinja, mhux l-ewwel darba li tkellimna dwarha. Hawnhekk sejrin nieqfu fuq stazzjon partikulari tal-*Via Crucis*, li jfakkar figura u ġrajja li ma jinstabux fir-rakkonti tal-Passjoni fil-Vanġeli, imma li huma frott tat-tradizzjoni Kristjana ta' Ġerusalemm. Qiegħed nirreferi għas-sitt stazzjon, fejn nimmeditaw il-laqgħa ta' Ġesù mal-Veronika. Min kienet din il-mara misterjuża, li hi meqjuma bħala qaddisa, u li hi magħrufa għax ixxuttat il-Wiċċ sofferenti ta' Ġesù fis-sudarju jew xugaman li fuqu mbagħad il-Mulej ħalla stampata x-xbieha ta' Wiċċu.

L-isem Latin Veronika, li jfisser ikona (xbieha) vera, niltaqgħu miegħu għall-ewwel darba f'kitba apokrifa tas-sena 425, li tissejjaħ l-*Atti ta' Pilatu*, kap. 7 (F. SPADAFORA, *Veronica, santa*, in *Bibliotheca Sanctorum*, Città Nuova Editrice, Roma 1969, Vol XII, 1044-1048). Din il-kitba tgħid li din il-mara kienet proprjament jisimha Beronike (βερονίχη) bil-Grieg, tradotta minn San Ġlormu Veronica fil-Vulgata, u tassoċjaha ma' dik il-mara li Ġesù fejjaqha mill-emorraġija fil-Vanġelu ta' Luqa 8,43-48 (Mk 5,25-34).



*Is-6 Stazzjon tal-Via Dolorsa f'Ġerusalemm*

L-istoriku tal-Knisja Ewsebju ta' Ċesarija, awtur tal-i*Historia Ecclesiastica* VII,18, jirrakkonta li din Berenika, wara l-miraklu tal-fejqan li qalgħet f'Kafarnahum, marret id-dar tagħha f'Ċesarija ta' Filippu (Banias, jew Paneas). Jgħid ukoll li hi kienet oriġinarja tal-belt ta' Edessa fis-Sirja. Bħala turija ta' radd il-ħajr għall-miraklu li għamel magħha l-Mulej, hi għamlet quddiem il-bieb tad-dar tagħha statwa tal-bronz, li kienet turi mara għarkupptejha b'idejha merfugħa jitolbu, u quddiemha statwa ta' raġel wieqaf, li kien liebes mantell, u li jifrex idejh lejn il-mara. F'riġlejn din l-istatwa tar-raġel kienet tikber pjanta misterjuża li kienet togħla sal-mantell tiegħu, u li kienet meqjusa bħala pjanta li tfejjaq minn kull tip ta' mard. L-istatwa tar-raġel kienet naturalment tirrappreżenta lil Ġesù, u Ewsebju jgħid li kien ra b'għajnejh dik l-istatwa meta kien jinsab Ċesarija ta' Filippu.

Awtur ieħor, Sozomeno, jgħid li l-monument li


Il-Kappella tas-6 Stazzjoni dedikata lill-Veronika

kien hemm f'ġieh Kristu f'Ċesarija ta' Filippu kien ġie meqrud fi żmien il-persekuzzjoni tal-Imperatur Ġiljan l-Apostata (331-363).

Kien fis-seklu 15 li daħlet it-tradizzjoni li l-Veronika (Berenike) kienet waħda min-nisa twajba ta' Ġerusalemm li kienu mxew wara Ġesù fit-triq tas-salib, u kienet hi li xxuttat wiċċ Ġesù fis-sudarju, jew xugaman, li fuqu mbagħad il-Mulej ħalla stampata x-xbieha ta' Wiċċu. Din kienet l-aħħar żvilupp li rabtet il-figura tal-Veronika mal-mara tal-Vanġelu li kienet magħrufa bl-isem ta' Berenike u li għamlet statwa lil Kristu quddiem id-dar tagħha f'Ċesarija ta' Filippu. L-istess tradizzjoni, li xterdet fil-punent, tgħid li din il-mara Veronika mbagħad marret Ruma, u ħadet magħha r-relikwa qaddisa tal-Wiċċ ta' Kristu. Xi kitbiet apokrifi, bħalma hi l-*Vindicta Salvatoris*, jgħidu li ċertu funzjonarju Ruman li kien jismu Volusiano, seraq bil-vjolenza dan is-sudarju u ħadu għand l-Imperatur Tiberju. Dan, malli rah, fieq mil-lebbra. Storja oħra tgħid li l-Veronika telqet mill-Palestina u marret Ruma iġġorr magħha r-relikwa tas-sudarju, li dejjem żammitha għandha, imma qabel mietet irregalatha lill-Papa San Klement I (*Acta Sanctorum, Februari*, Antwerp 1658, I, 451).

Fis-sekli ta' wara l-Veronika bdiet tgawdi kult bħala qaddisa, imma għall-bidu isimha ma kienx jidher fil-Martiroloġji l-antiki, u lanqas f'dawk Medjevali. Xi mindaqqiet kienet indikata l-festa tagħha fl-4 ta' Frar. Bil-mod il-mod it-tradizzjoni tal-mara li tixxotta l-Wiċċ ta' Ġesù bix-xugaman, li nisslet l-isem ta' Veronika, kif rajna, xterdet mal-Knisja kollha, u nessiet għal kollox l-episodju tal-mara tal-Vanġelu li ġiet imfejqa mill-emorraġija. B'hekk ir-rabta tal-Veronika ma' Berenika ta' Ċesarija ta' Filippu kienet tinsab biss fil-kitbiet apokrifi li semmejna, u daħlet fit-tradizzjoni lokali tal-Knisja ta' Ġerusalemm.

Il-popolarità tal-kult lejn Santa Veronika tidher ċara f'diversi opri ta' arti ta' pittura u skultura, li wasslu l-immaġini tagħha sal-ġurnata tal-lum, u daħħlu lil din il-mara qaddisa fid-devozzjoni tal-*Via Crucis*, billi ddedikaw lill-ġrajja tagħha s-sitt stazzjon tat-Triq tas-Salib. L-aktar post li fih din il-qima żviluppat kienet proprju l-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan, fejn hi meqjuma x-xbieha tal-Wiċċ ta' Kristu, imsejħa l-Velu tal-Veronika, li l-istudjużi jidentifikawha bħala ikona Biżantina, u li tissemma minn Dante fil-*Canto* XVII, 104 tal-*Paradiso* fid-*Divina Commedia*. L-aktar statwa famuża tal-Veronika hi l-istatwa kolossali tar-rħam li hemm f'waħda mill-erba' niċeċ ta' taħt il-koppla tal-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan, opra tal-iskultur Francesco Mocchi (1635-39), flimkien mal-istatwi l-oħrajn ta' Sant'Elena, San Lonġinu u Sant'Andrija.



*Francesco Mochi, Santa Veronica (1635-39), Bażilika S Pietru, Vatikan*

Ma' din id-devozzjoni lejn il-Veronika twieldet ukoll id-devozzjoni lejn il-*Volto Santo*, jew il-Wiċċ ta' Kristu. Santa Veronika għandha kult partikulari fi Franza, fejn hemm it-tradizzjoni li wara l-mewt ta' Kristu, hi żżewġet lil Żakkew u marret biex tevanġelizza l-Gallia (Franza), fejn imbagħad mietet fl-eremitaġġ ta' Soulac. Hemmhekk hi magħrufa bħala Sainte Venice jew Venisse, u hi meqjuma fi Franza bħala patruna tan-negozjanti tal-għażel u patruna tan-nisa ħasselin. B'mod partikulari l-immaġini tal-*Volto Santo* hi meqjuma fis-Santwarju ta' Manoppello, fl-Abbruzzo.

Fis-seklu 16, Baronio fl-*Annales* daħħal l-istorja tal-miġja tal-Veronika f'Ruma bir-relikwa prezzjuża. F'Milan il-festa ta' Santa Veronika kienet tiġi ċċelebrata nhar l-4 ta' Frar u San Karlu Borromeo introduċa Uffiċċju u Quddiesa proprja fil-brevarju u l-messal Ambrosjan. L-isem ta' Veronika ma jidhirx fil-martiroloġi antiki jew medjevali.

Fil-*Via Dolorosa* ta' Ġerusalemm, il-Patrijiet Franġiskani jieqfu quddiem is-sitt stazzjon li jfakkar il-laqgħa ta' Ġesù mal-Veronika. Dan l-istazzjon jinsab f'nofs it-taraġ tat-triq li bl-Għarbi tissejjaħ *Tarīq al-Ālām*, jiġifieri t-Triq tat-Tbatija (*Via Dolorosa*), u hu immarkat minn framment ta' kolonna ingastata fil-ħajt.



Tradizzjoni tardiva tqiegħed hawnhekk id-dar tal-Veronika. Din il-binja ġiet akkwistata mill-Griegi Kattoliċi (Melkiti) lejn tmiem is-seklu 19. Tikkonsisti f'kappella superjuri u kripta taħt il-livell tat-triq, li l-fdalijiet l-aktar antiki tagħha x'aktarx li kienu jagħmlu parti mill-knisja Biżantina ta' San Kosma u San Damjan.

DENYS PRINGLE, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem: A Corpus,* Volume 3, *The City of Jerusalem*, Cambridge University Press, 2010, n. 311, p. 160, jgħid li f'dan il-post kien jeżisti monasteru ta' San Kosma u San Damjan wara l-qerda tal-Persjani fis-sena 614, meta hemmhekk ġew immassakrati 2212 persuna. Fil-bidu tas-seklu 9 il-*Commemoratiorum de Casis Dei* jgħid li kien hemm tliet saċerdoti residenti f'San Kosma u San Damjan. Fl-1890, meta kienet qed tiġi rranġata din il-kappella tas-sitt stazzjon tal-*Via Crucis*, instabet iskrizzjoni li tirreferi bil-Grieg għad-dar tal-*anarguroi* (foqra), li hu l-isem mogħti liż-żewġ tobba qaddisin u martri Sirjani Kosma u Damjan, li kienu jaqdu lill-foqra bla ħlas. Fi żmien il-Kruċjati f'dan il-post kien hemm ukoll knisja dedikata lil San Kosma u San Damjan, għax fis-sena 1162 tissemma dar li Ralph Bourdin ingħata fi Triq San Kosma fi proprjetà li kienet tal-Ospedalieri. Nafu li hawnhekk kien hemm knisja minn deskrizzjoni ta' pellegrin Slav, li madwar l-1360 isemmi d-dar ta' San Kosma u San Damjan lejn il-lvant tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, nofs triq lejn il-Knisja ta' Santa Marija dello Spasimo (4 Stazzjon tal-*Via Dolorosa*).

Il-kappella li hemm illum taħt il-livell tat-triq ġiet irranġata fuq id-disinn tal-arkitett Antonio Barluzzi u l-artisti Franċiżi Loupais u Bidaud. Illum il-ġurnata din il-kappella u l-binja ta' fuqha, li kif għidna, huma proprjetà tal-Griegi Kattoliċi, jgħixu fihom il-Little Sisters of Jesus ta' Charles de Foucauld.

**Ġedded l-Abbonament tiegħek**

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

# Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2020




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

**Toħroġ kull 3 xhur**


**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2020


**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt